

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

P9\_TA(2020)0275

**Qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati****Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2020 b'rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni dwar qafas tal-aspetti etiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati (2020/2012(INL))**

(2021/C 404/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1488 tat-28 ta' Settembru 2018 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (<sup>1</sup>),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità (<sup>2</sup>) (Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (<sup>3</sup>) (Direttiva dwar it-Trattament Ugwali fl-Impjeg),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (<sup>4</sup>) (GDPR), kif ukoll id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (<sup>5</sup>),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interstituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (<sup>6</sup>),
- wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2018 li jstabbilixxi l-programm Ewropa Diġitali għall-perjodu 2021-2027 (COM(2018)0434),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2020 dwar l-Intelliġenza Artifiċjali – Approċċ Ewropew għall-eċċellenza u għall-fiduċja (COM(2020)0065),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2020 dwar Strateġija Ewropea għad-data (COM(2020)0066),

<sup>(1)</sup> ĠU L 252, 8.10.2018, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.<sup>(3)</sup> ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.<sup>(4)</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.<sup>(6)</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-19 ta' Frar 2020 dwar "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa" (COM(2020)0067),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa ta' Ġunju 2020,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2017 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Regoli ta' Dritt Ċivili dwar ir-Robotika <sup>(7)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2017 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea <sup>(8)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar is-sistemi ta' armi awtonomi <sup>(9)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar l-ugwaljanza tal-lingwi fl-era diġitali <sup>(10)</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2019 dwar politika industrijali Ewropea komprensiva dwar l-intelliġenza artifiċjali u r-robotika <sup>(11)</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tat-8 ta' April 2019 bit-titolu "Ethics Guidelines for Trustworthy AI" (Linji Gwida tal-Etika għal IA Affidabbli) mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali mwaqqaf mill-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-istudju Ewropew tal-valutazzjoni tal-valur miżjud imwettaq mis-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew, intitolat "Qafas Ewropew dwar aspetti etiċi ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati: Valutazzjoni tal-valur miżjud Ewropew" <sup>(12)</sup>,
- wara li kkunsidra l-briefings u l-istudji mħejjija fuq talba tal-Bord għall-Ġejjieni tax-Xjenza u t-Teknoloġija (STOA), ġestit mill-Unità tal-Prospettiva Xjentifika fis-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew, bit-titoli, "What if algorithms could abide by ethical principles?" (X'jiġri jekk l-algoritmi jkunu jistgħu jikkonformaw mal-prinċipji etiċi?), "Artificial Intelligence *ante portas*: Legal & ethical reflections" (Intelliġenza Artifiċjali *ante portas*: Riflessjonijiet legali u etiċi), "A governance framework for algorithmic accountability and transparency" (Qafas ta' governanza għall-obbligu ta' rendikont algoritmiku u t-trasparenza), "Should we fear artificial intelligence?" (Għandna nibzġu mill-intelliġenza artifiċjali jew le?) u "The ethics of artificial intelligence: Issues and initiatives" (L-etika tal-intelliġenza artifiċjali: Kwistjonijiet u inizjattivi),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, il-Protokoll Nru 12 għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-OECD dwar l-Intelliġenza Artifiċjali adottata fit-22 ta' Mejju 2019,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Impjeggi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0186/2020),

<sup>(7)</sup> ĠU C 252, 18.7.2018, p. 239.

<sup>(8)</sup> ĠU C 307, 30.8.2018, p. 163.

<sup>(9)</sup> ĠU C 433, 23.12.2019, p. 86.

<sup>(10)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0332.

<sup>(11)</sup> Testi adottati, P8\_TA(2019)0081.

<sup>(12)</sup> [https://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS\\_STU\(2020\)654179](https://www.europarl.europa.eu/thinktank/en/document.html?reference=EPRS_STU(2020)654179).

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

**Introduzzjoni**

- A. billi l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (imsejħa wkoll "IA"), tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati jsiru mill-bnedmin, u l-għażliet tagħhom jiddeterminaw il-potenzjal tal-benefiċċju ta' tali teknoloġiji għas-soċjetà;
- B. billi l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati li għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw opportunitajiet għan-negozji u benefiċċji għaċ-ċittadini u li jistgħu jħallu impatt dirett fuq l-aspetti kollha tas-soċjetajiet tagħna, inklużi d-drittijiet fundamentali u l-prinċipji u l-valuri soċjali u ekonomiċi, kif ukoll li għandhom influwenza dejjiema fuq l-oqsma kollha ta' attività, qed jiġu promossi u żviluppati malajr;
- C. billi l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati se jwasslu għal bidliet sostanzjali fis-suq tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol; billi dawn jistgħu potenzjalment jissostitwixxu l-ħaddiema fl-attivitajiet ripetittivi, jiffaċilitaw is-sistemi ta' ħidma kollaborattiva bejn il-bniedem u l-magni, iżidu l-kompetittività u l-prosperità u jgħallqu opportunitajiet ġodda ta' impjeg għall-ħaddiema kwalifikati, filwaqt li fl-istess ħin jgħallqu sfida serja f'termini ta' riorganizzazzjoni tal-forza tax-xogħol;
- D. billi l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati jista' jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-Patt Ekoloġiku Ewropew f'haqna setturi differenti; billi t-teknoloġiji diġitali jistgħu jagħtu spinta lill-impatt tal-politiki fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali; billi dawn jistgħu jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis fil-konġestjoni tat-traffiku u fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja;
- E. billi, għas-setturi bħat-trasport pubbliku, jistgħu jintużaw sistemi tat-trasport intelliġenti appoġġjati mill-IA biex jimminimizzaw il-kjuwijiet, jottimizzaw ir-rotot, jippermettu lil nies b'diżabbiltà jkunu aktar indipendenti, u jżidu l-effiċjenza enerġetika u b'hekk isaħħu l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u jnaqqsu l-impronta ambjentali;
- F. billi dawn it-teknoloġiji jgħibu opportunitajiet ta' negozju ġodda li jistgħu jikkontribwixxu għall-irkupru tal-industrija tal-Unjoni wara l-kriżi ekonomika u tas-saħħa attwali jekk isir użu akbar minnhom, pereżempju, fl-industrija tat-trasport; billi opportunitajiet bħal dawn jistgħu jgħallqu impiegi ġodda, peress li l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għandu l-potenzjal li jżid il-livelli ta' produttività tan-negozji u jikkontribwixxi għal kisbiet fl-effiċjenza; billi l-programmi ta' innovazzjoni f'dan il-qasam jistgħu jippermettu li r-raggruppamenti reġjonali jimxu 'l quddiem;
- G. billi l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom responsabbiltà partikolari li jisfruttaw, jipromwovu u jtejbju l-valur miżjud tal-intelliġenza artifiċjali u jiżguraw li t-teknoloġiji tal-IA huma sikuri u jikkontribwixxu għall-benesseri u l-interess ġenerali taċ-ċittadini tagħhom peress li jistgħu jagħtu kontribut kbir biex jintlaħaq l-għan komuni li jittejbju l-ħajjiet taċ-ċittadini u titrawwem il-prosperità fl-Unjoni, billi jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' strateġiji u innovazzjoni aħjar f'għadd ta' oqsma u setturi; billi, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-intelliġenza artifiċjali u biex l-utenti jsiru konxji tal-benefiċċji u l-isfidi li jgħibu magħhom it-teknoloġiji tal-IA, jeħtieġ li l-IA jew il-litteriżmu diġitali jiġu inklużi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, inkluż f'termini tal-promozzjoni tal-inklużjoni diġitali, u jsiru kampanji ta' informazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jagħtu rappreżentazzjoni preċiża tal-aspetti kollha tal-iżvilupp tal-IA;
- H. billi qafas regolatorju komuni tal-Unjoni għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u ta' teknoloġiji relatati ("qafas regolatorju għall-IA") għandu jippermetti liċ-ċittadini jaqsmu l-benefiċċji li jkubsu mill-potenzjal tagħhom, filwaqt li jipproteġi liċ-ċittadini mir-riskji potenzjali ta' tali teknoloġiji u jipromwovi l-affidabbiltà ta' tali teknoloġiji fl-Unjoni u bnadi oħra; billi dak il-qafas għandu jkun ibbażat fuq id-dritt u l-valuri tal-Unjoni u ggwidat mill-prinċipji tat-trasparenza, l-ispejgabbiltà, il-ġustizzja, l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà;
- I. billi tali qafas regolatorju huwa ta' importanza ewlenija biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Intern, li tirriżulta minn leġiżlazzjoni nazzjonali differenti u se jgħin biex irawwem l-investiment tant meħtieġ, jiżviluppa infrastruttura tad-data u jappoġġja r-riċerka; billi dan għandu jikkonsisti minn obbligi legali komuni u prinċipji etiċi kif stabbiliti fil-proposta għal Regolament mitlub fl-anness għal din ir-riżoluzzjoni; billi dan għandu jiġi stabbilit skont il-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar;

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- J. billi l-Unjoni għandha stabbilit qafas legali strett biex tiżgura, fost l-oħrajn, il-protezzjoni tad-data personali u l-privatezza u n-nondiskriminazzjoni, biex tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni ambjentali u d-drittijiet tal-konsumaturi; billi qafas legali bħal dan li jikkonsisti minn korpi estensivi ta' leġiżlazzjoni orizzontali u settorjali, li tinkludi r-regoli eżistenti dwar is-sikurezza u r-responsabbiltà tal-prodotti, se jkompli japplika fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, għalkemm ċerti aġġustamenti ta' strumenti legali speċifiċi jistgħu jkunu meħtieġa biex jirriflettu t-trasformazzjoni diġitali u jindirizzaw sfidi ġodda maħluqa mill-użu tal-intelliġenza artifiċjali;
- K. billi hemm tħassib li l-qafas legali attwali tal-Unjoni, inklużi l-liġi tal-konsumatur u l-acquis dwar l-impjegi u dak soċjali, il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data, il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u dwar is-sorveljanza tas-suq, kif ukoll il-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, jistgħu ma jibqgħux adattati għall-iskop li jindirizza b'mod effettiv ir-riskji maħluqa mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;
- L. billi minbarra l-aġġustamenti għal-leġiżlazzjoni eżistenti, kwistjonijiet legali u etiċi li għandhom x'jaqsmu mat-teknoloġiji tal-IA għandhom jiġu indirizzati permezz ta' qafas regolatorju tad-dritt tal-Unjoni effettiv, komprensiv u li jibqa' validu fil-futur li jirrifletti l-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni kif minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") li għandu joqgħod lura minn regolamentazzjoni żejda, billi jagħlaq biss il-lakuni legali eżistenti, u jżid iċ-ċertezza legali kemm għan-negozji kif ukoll għaċ-ċittadini, jiġifieri billi jinkludi miżuri obbligatorji biex jiġu evitati Prattiki li bla dubju jimminaw id-drittijiet fundamentali;
- M. billi kwalunkwe qafas regolatorju għdid jeħtieġ li jqis l-interessi kollha involuti; billi eżami bir-reqqa tal-konsegwenzi ta' kwalunkwe qafas regolatorju għdid fuq l-atturi kollha f'valutazzjoni tal-impatt għandu jkun prerekwiżit għal passi leġiżlattivi ulterjuri; billi r-rwol kruċjali tal-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) u tan-negozji ġodda speċjalment fl-ekonomija tal-Unjoni jiġġustifika approċċ strettament proporzjonat biex jippermettilhom jiżviluppaw u jinnovaw;
- N. billi l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jista' jkollhom implikazzjonijiet serji fuq l-integrità materjali u immaterjali tal-individwi, tal-gruppi, u tas-soċjetà inġenerali, u ħsara individwali u kollettiva potenzjali trid tiġi indirizzata b'risposti leġiżlattivi;
- O. billi, sabiex jiġi rrispettat il-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA, jista' jkun meħtieġ li jiġu adottati regoli speċifiċi għas-settur tat-trasport tal-Unjoni;
- P. billi t-teknoloġiji tal-IA huma ta' importanza strateġika għas-settur tat-trasport, inkluż minħabba li dawn iżidu s-sikurezza u l-aċċessibbiltà tal-modi kollha tat-trasport, u jgħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u mudelli ta' negozju aktar sostenibbli; billi approċċ tal-Unjoni għall-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fit-trasport għandu l-potenzjal li jżid il-kompetittività globali u l-awtonomija strateġika tal-ekonomija tal-Unjoni;
- Q. billi l-iżball uman għadu involut f'madwar 95 % tal-inċidenti tat-traffiku kollha fl-Unjoni; billi l-Unjoni kellha l-għan li sal-2020 tnaqqas b'50 % il-fatalitajiet annwali fit-toroq fl-UE, meta mqabbla mal-2010, iżda, fid-dawl tal-progress li qed jistaġna, għeddet l-isforzi tagħha fil-Qafas ta' Politika għas-Sikurezza fit-Toroq tal-UE għall-2021-2030 tagħha – Il-passi li jmiss lejn "Viżjoni Zero"; billi f'dan ir-rigward, l-IA, l-awtomatizzazzjoni u teknoloġiji ġodda oħra għandhom potenzjal kbir u importanza vitali biex iżidu s-sikurezza fit-toroq billi jnaqqsu l-possibbiltajiet ta' iżball uman;
- R. billi l-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA għandu jirrifletti wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-ħaddiema jiġu rrispettati; billi għandu jittieħed kont tal-Ftehim Qafas dwar id-Diġitalizzazzjoni tas-Sħab Soċjali Ewropej ta' Ġunju 2020;
- S. billi l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA għandu jkun adegwat, proporzjonat u vvalutat bir-reqqa; billi dan għandu jkopri firxa wiesgħa ta' teknoloġiji u l-komponenti tagħhom, inklużi algoritmi, software u data użati jew prodotti minnhom, jeħtieġ approċċ immirat ibbażat fuq ir-riskji biex jiġi evitat it-tfixkil tal-innovazzjoni futura u l-ħolqien ta' piżijiet bla bżonn, speċjalment għall-SMEs; billi d-diversità tal-applikazzjonijiet immexxija mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati tikkomplika s-sejba ta' soluzzjoni unika adattata għall-ispettru kollu tar-riskji;

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

- T. billi l-analiżi tad-data u l-IA għandhom impatt dejjem akbar fuq l-informazzjoni li tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini; billi tali teknoloġiji, jekk jintużaw ħażin, jistgħu jipperikolaw id-drittijiet fundamentali għal-libertà ta' espressjoni u għall-informazzjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;
- U. billi l-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA għandu jkopri l-komponenti kollha tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati żviluppati, introdotti jew użati fl-Unjoni, inkluż f'każijiet fejn parti mit-teknoloġiji taf tkun lokalizzata barra mill-Unjoni jew ma jkollhiex lokazzjoni speċifika;
- V. billi l-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA għandu jinkludi l-istadji rilevanti kollha, jiġifieri l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tat-teknoloġiji rilevanti u l-komponenti tagħhom, filwaqt li jirrikjedi kunsiderazzjoni xierqa tal-obbligi legali u l-prinċipji etiċi rilevanti u għandu jstabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jiżgura li l-iżviluppaturi, dawk li jintroduċuhom u l-utenti jkunu konformi bis-sħiħ ma' dawn l-obbligi u l-prinċipji;
- W. billi approċċ armonizzat lejn il-prinċipji etiċi relatati mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jirrikjedi fehim komuni fl-Unjoni tal-kunċetti li jiffurmaw il-bażi tat-teknoloġiji bħall-algoritmi, is-software, id-data jew ir-rikonossiment biometriku;
- X. billi l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni hija ġġustifikata mill-hteġa li tiġi evitata frammentazzjoni regolatorja jew sensiela ta' dispożizzjonijiet regolatorji nazzjonali mingħajr denominatur komuni, u li tiġi żgurata applikazzjoni omoġenja ta' prinċipji etiċi komuni minquxa fil-liġi meta jiġu żviluppati, introdotti u użati intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli; billi huma meħtieġa regoli ċari fejn ir-riskji jkunu sinifikanti;
- Y. billi l-prinċipji etiċi komuni huma effiċjenti biss meta jkunu minquxa fil-liġi wkoll, u jiġu identifikati dawk responsabbli għall-iżgurar, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità;
- Z. billi gwida etika, bħall-prinċipji adottati mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, tipprovdi punt ta' tluq tajjeb iżda ma tistax tiżgura li l-iżviluppaturi, dawk li jintroduċuhom u l-utenti jaġixxu b'mod ġust u tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-individwi; billi gwida bħal din hija aktar u aktar rilevanti fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ta' riskju għoli;
- AA. billi kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità ta' sorveljanza nazzjonali responsabbli biex tiżgura, tivvaluta u timmonitorja l-konformità tal-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli mal-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA, u biex tippermetti diskussjonijiet u skambji ta' fehmiet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti u mas-soċjetà ċivili; billi l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għandhom jikkooperaw ma' xulxin;
- AB. billi sabiex jiġu żgurati approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha u l-funzjonament ottimali tas-Suq Uniku Diġitali, il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni mill-Kummissjoni, u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jiġu magħżula f'dan il-kuntest, għandha tiġi vvalutata fir-rigward tal-opportunitajiet u l-isfidi l-ġodda, b'mod partikolari dawk ta' natura transfruntiera, li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi kontinwi; billi, għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tingħata l-kompitu li ssib soluzzjoni xierqa biex tistruttura tali koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni;

### ***Intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u magħmula mill-bniedem***

1. Huwa tal-fehma li, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur, huwa meħtieġ qafas regolatorju effettiv u armonizzat ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni, il-Karta u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u applikabbli, b'mod partikolari, għal teknoloġiji ta' riskju għoli, sabiex jiġu stabbiliti standards ugwali fl-Unjoni kollha u sabiex jiġu protetti b'mod effettiv il-valuri tal-Unjoni;
2. Jemmen li kwalunkwe qafas regolatorju ġdid għall-IA li jikkonsisti f'obbligi legali u prinċipji etiċi għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati għandu jirrispetta bis-sħiħ il-Karta u b'hekk jirrispetta d-dinjità tal-bniedem, l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tal-individwu, jipprevjeni l-ħsara, jippromwovi l-ġustizzja, l-inklużjoni u t-trasparenza, jelimina l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni, inkluż fir-rigward tal-gruppi

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

fminoranza, u jirrispetta u jikkonforma mal-prinċipji tal-limitazzjoni tal-esternalitajiet negattivi tat-teknoloġija użata, tal-iżgurar tal-ispejgabbiltà tat-teknoloġiji, u tal-garanzija li t-teknoloġiji qegħdin hemm biex iservu lin-nies u mhux biex jissostitwuhom jew jiddeċiedu għalihom, bl-għan aħħari li jiżied il-benesseri ta' kull bniedem;

3. Jenfasizza l-asimmetrija bejn dawk li jużaw it-teknoloġiji tal-IA u dawk li jinteraġixxu magħhom u huma soġġetti għalihom; jisħaq, f'dan il-kuntest, li l-fiduċja taċ-ċittadini fl-IA tista' tinbena biss fuq qafas regolatorju ta' etika awtomatika u etika ppjanata li jiżgura li kwalunkwe IA li tibda titħaddem tkun tirrispetta bis-sħiħ it-Trattati, il-Karta u d-dritt sekondarju tal-Unjoni; iqis li l-bini fuq approċċ bħal dan għandu jkun konformi mal-prinċipju ta' prekawzjoni li jiggwida l-leġiżlazzjoni tal-UE u għandu jkun fil-qalba ta' kwalunkwe qafas regolatorju għall-IA; jappella, f'dan ir-rigward, għal mudell ta' governanza ċar u koerenti li jippermetti lill-kumpaniji u lill-innovaturi jiżviluppaw aktar l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;

4. Jemmen li kwalunkwe azzjoni leġiżlattiva relatata mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandha tkun konformi mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità;

5. Iqis li approċċ bħal dan se jippermetti lill-kumpaniji jintroduċu prodotti innovattivi fis-suq u joħlqu opportunitajiet ġodda, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tal-valuri tal-Unjoni billi jwassal għall-iżvilupp ta' sistemi tal-IA li jinkorporaw prinċipji etiċi ppjanati tal-Unjoni; iqis li tali qafas regolatorju bbażat fuq il-valuri jirrappreżenta valur miżjud billi jipprovdi lill-Unjoni vantaġġ kompetittiv uniku u jagħti kontribut sinifikanti għall-benesseri u l-prosperità taċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni billi jagħti spinta lis-suq intern; jissottolinja li tali qafas regolatorju għall-IA jirrappreżenta wkoll valur miżjud fir-rigward tal-promozzjoni tal-innovazzjoni fis-suq intern; jemmen, pereżempju, li fis-settur tat-trasport, dan l-approċċ jippreżenta lin-negozji tal-Unjoni l-opportunità li jsiru mexxejja globali f'dan il-qasam;

6. Jinnota li l-qafas legali tal-Unjoni għandu japplika għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użata jew prodotta minn dawn it-teknoloġiji;

7. Jinnota li l-opportunitajiet ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jiddependu mill-“Big Data”, bil-ħtieġa ta' massa kritika ta' data biex tħarreġ l-algoritmi u tirfina r-riżultati; jilqa' f'dan ir-rigward il-proposta tal-Kummissjoni għall-ħolqien ta' spazju komuni tad-data fl-Unjoni biex jissaħħaħ l-iskambju tad-data u tiġi appoġġjata r-riċerka bir-rispett sħiħ tar-regoli Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data;

8. Iqis li l-qafas legali attwali tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni u l-privatezza u d-data personali, jeħtieġ li japplika b'mod sħiħ għall-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati u jeħtieġ li jiġi rieżaminat u skrutinizzat fuq bażi regolari u aġġornat fejn meħtieġ, sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv ir-riskji maħluqa minn dawn it-teknoloġiji, u, f'dan ir-rigward, jista' jibbenefika milli jiġi s-supplimentat bi prinċipji etiċi ta' gwida robusti; jirrimarka li, fejn ikun prematur li jiġu adottati atti legali, għandu jintuża qafas legali mhux vinkolanti;

9. Jistenna li l-Kummissjoni tintegra approċċ etiku b'saħħtu fil-proposta leġiżlattiva mitluba fl-anness għal din ir-riżoluzzjoni bħala segwitu għall-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż dwar is-sikurezza, ir-responsabbiltà u d-drittijiet fundamentali, li jimmassimizza l-opportunitajiet u jimminimizza r-riskji tat-teknoloġiji tal-IA; jistenna li l-proposta leġiżlattiva mitluba tinkludi soluzzjonijiet ta' politika għar-riskji ewlenin rikonoxxuti tal-intelliġenza artifiċjali inkluż, fost l-oħrajn, dwar il-ġbir etiku u l-użu tal-Big Data, il-kwistjoni tat-trasparenza algoritmika u tal-preġudizzju algoritmiku; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji u indikaturi għat-tikkettar tat-teknoloġija tal-IA, sabiex tistimula t-trasparenza, l-ispejgabbiltà u l-obbligu ta' rendikont, u tinċentiva t-tehdid ta' prekawzjonijiet addizzjonali mill-iżviluppaturi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir investment fl-integrazzjoni ta' dixxiplini mhux tekniċi fl-istudju u r-riċerka dwar l-IA, filwaqt li jitqies il-kuntest soċjali;

10. Iqis li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jridu jtfasslu skont il-ħtiġijiet tal-bniedem f'konformità mal-prinċipju li l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tagħhom għandhom dejjem ikunu għas-servizz tal-bniedem u qatt bil-maqlub, u għandhom ifittxu li jtejbu l-benesseri u l-libertà individwali, kif ukoll li jippreservaw il-paċi, jipprevjenu l-kunflitti u jsaħħu s-sigurtà internazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jimmassimizzaw il-benefiċċji offruti u jipprevjenu u jnaqqsu r-riskji tagħhom;

11. Jiddikjara li l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ta' riskju għoli, inkluż, iżda mhux esklużivament, mill-bnedmin, għandhom dejjem ikunu ggwidati mill-etika u mfassla sabiex jirrispettaw u jippermettu l-azzjoni u s-sorveljanza mill-bniedem, kif ukoll jippermettu li l-bniedem jerġa' jieħu l-kontroll fidejnh meta jkun hemm bżonn billi jiġu implimentati miżuri ta' kontroll xierqa;

### **Valutazzjoni tar-riskji**

12. Jisħaq li kwalunkwe regolament futur għandu jsegwi approċċ ibbażat fuq ir-riskju differenzjat u orjentat lejn il-futur għar-regolamentazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, u jinkludi standards teknoloġikament newtrali fis-setturi kollha, bi standards speċifiċi għas-settur fejn xieraq; jinnota li, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tas-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju u li jkun hemm konformità mal-obbligi legali relatati biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern, hija meħtieġa lista eżawrjenti u kumulattiva ta' setturi ta' riskju għoli u użi jew skopijiet ta' riskju għoli; jisħaq li din il-lista trid tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni mill-ġdid regolari u jinnota li, minħabba n-natura dejjem tevolvi ta' dawn it-teknoloġiji, jista' jkun meħtieġ li fil-ġejjieni jiġi evalwat mill-ġdid il-mod li bih issir l-evalwazzjoni tar-riskju tagħhom;

13. Iqis li d-determinazzjoni ta' jekk l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandhomx jitqiesu bħala ta' riskju għoli, u għalhekk soġġetti għall-konformità obligatorja mal-obbligi legali u l-prinċipji etiċi kif stabbiliti fil-qafas regolatorju għall-IA, għandha dejjem issegwi minn valutazzjoni *ex ante* imparzjali, regolata u esterna bbażata fuq kriterji konkreti u definiti;

14. Iqis, f'dak ir-rigward, li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandhom jitqiesu bħala ta' riskju għoli meta l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tagħhom jinvolvu riskju sinifikanti li jikkawżaw korriment jew ħsara lill-individwi jew lis-soċjetà, bi ksur tad-drittijiet fundamentali u tar-regoli tas-sikurezza kif stipulati fid-dritt tal-Unjoni; iqis li, għall-iskopijiet tal-evalwazzjoni ta' jekk it-teknoloġiji tal-IA jinvolvux tali riskju, għandhom jitqiesu s-settur fejn ikunu żviluppanti, introdotti jew użati, l-użu jew l-iskop speċifiku tagħhom u s-severità tal-korriment jew ħsara li jistgħu jkunu mistennija li jseħħu; l-ewwel u t-tieni kriterji, jiġifieri s-settur u l-użu jew l-iskop speċifiku, għandhom jiġu kkunsidrati b'mod kumulattiv;

15. Jissottolinja li l-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn it-teknoloġiji għandha ssir fuq il-bażi ta' lista eżawrjenti u kumulattiva ta' setturi b'riskju għoli u ta' użi u skopijiet b'riskju għoli; jemmnen bis-sħiħ li għandu jkun hemm koerenza fl-Unjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn it-teknoloġiji, speċjalment meta jiġu vvalutati kemm fid-dawl tal-konformità tagħhom mal-qafas regolatorju għall-IA kif ukoll skont kwalunkwe leġislazzjoni oħra applikabbli speċifika għas-settur;

16. Iqis li dan l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għandu jiġi żviluppant b'mod li jillimita l-piż amministrattiv għall-kumpaniji, u b'mod partikolari għall-SMEs, kemm jista' jkun billi jintużaw l-għodod eżistenti; tali għodod jinkludu iżda mhumiex limitati għal-lista tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679;

### **Karatteristiċi tas-sikurezza, trasparenza u obbligu ta' rendikont**

17. Ifakkar li d-dritt għall-informazzjoni tal-konsumaturi huwa ankrat bħala prinċipju ewlieni skont id-dritt tal-Unjoni u jissottolinja li għalhekk għandu jiġi implimentat bis-sħiħ fir-rigward tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati; huwa tal-fehma li dan għandu jinkludi b'mod speċjali t-trasparenza fir-rigward tal-interazzjoni mas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali, inklużi l-proċessi ta' awtomatizzazzjoni, u fir-rigward tal-mod ta' kif jiffunzjonaw, il-kapaċitajiet, pereżempju kif l-informazzjoni tiġi ffiltrata u ppreżentata, il-preċiżjoni u l-limitazzjonijiet; iqis li tali informazzjoni għandha tingħata lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tal-konsumatur;

18. Jissottolinja li l-fiducia tal-konsumatur hija essenzjali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji li jistgħu jgħolqu riskji inerenti meta jkunu bbażati fuq algoritmi opaki u settijiet ta' data preġudikati; jemmnen li l-konsumaturi għandu jkollhom id-dritt li jkunu infurmati b'mod li jinftehem, fil-ħin, b'mod ċar u aċċessibbli dwar l-eżistenza, ir-raġunament, l-eżitu possibbli u l-impatt għall-konsumaturi tas-sistemi algoritmiċi, dwar kif jistgħu jikkuntattjaw bniedem b'setgħat deċiżjonali, u dwar kif id-deċiżjonijiet tas-sistema jistgħu jiġu vverifikati, ikkontestati

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

u kkoreġuti b'mod sinifikattiv; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati u rrispettati l-prinċipji ta' informazzjoni u żvelar li fuqhom inbena l-*acquis* tal-liġi tal-konsumatur; iqis li huwa meħtieġ li tiġi pprovduta informazzjoni dettaljata lill-utenti finali rigward it-tħaddim ta' sistemi ta' trasport u vetturi appoġġjati mill-IA;

19. Jinnota li huwa essenzjali li l-algoritmi u s-settijiet tad-data użati jew prodotti minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jkunu jistgħu jiġu spjegati u, fejn ikun strettament meħtieġ u b'rispett sħiħ tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, il-privatezza u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-sigriet kummerċjali, ikunu aċċessibbli mill-awtoritajiet pubbliċi bħall-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq; jinnota wkoll li, skont l-ogħla standards tal-industrija possibbli u applikabbli, id-dokumentazzjoni għandha tinħażen minn dawk li jkunu involuti fl-istadji differenti tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' riskju għoli; jinnota l-possibbiltà li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jista' jkollhom prerogattivi addizzjonali f'dak ir-rigward; jisħaq f'dan ir-rigward fuq l-importanza ta' inġinerija inversa legali; iqis li jista' jkun hemm bżonn ta' eżami tal-leġislazzjoni attwali dwar is-sorveljanza tas-suq biex jiġi żgurat li din tirrispondi b'mod etiku għall-emerġenza tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;

20. Jitlob li l-iżviluppaturi u dawk li jintroduċu teknoloġiji ta' riskju għoli jkunu meħtieġa, fejn valutazzjoni tar-riskju tindika dan, jipprovdu lill-awtoritajiet pubbliċi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-użu u d-disinn u l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza, inkluż, fejn strettament meħtieġ u b'rispett sħiħ tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, il-privatezza, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-sigriet kummerċjali, il-kodiċi tas-sors, l-għodod ta' żvilupp u d-data użata mis-sistema; jinnota li dan l-obbligu jippermetti l-valutazzjoni tal-konformità tagħhom mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji etiċi u jinnota, f'dak ir-rigward, l-eżempju pprovdut mid-depożitu legali ta' pubblikazzjonijiet ta' libreriya nazzjonali; jinnota d-distinzjoni importanti bejn it-trasparenza tal-algoritmi u t-trasparenza tal-użu tal-algoritmi;

21. Jinnota wkoll li, sabiex jiġu rrispettati d-dinjità, l-awtonomija u s-sikurezza tal-bniedem, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-apparat mediku vitali u avvanzat u l-ħtieġa li awtoritajiet indipendenti ta' fiduċja jżommu l-mezzi meħtieġa biex jipprovdu servizzi lil persuni li jgħorru dan l-apparat, fejn l-iżviluppatur jew dak li jintroduċihom oriġinali ma jibqax jipprovdihom; pereżempju, tali servizzi jkunu jinkludu l-manutenzjoni, it-tiswijiet u t-titjib, inklużi aġġornamenti tas-software li jirranġaw il-ħsarat u l-vulnerabbiltajiet;

22. Isostni li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ta' riskju għoli, inkluż is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn teknoloġiji bħal dawn, irrISPETTIVAMENT mill-qasam li fih jiġu żviluppati, introdotti u użati, għandhom jiġu żviluppati bi pjan b'mod sikur, traċċabbli, teknikament robust, affidabbli, etiku u legalment vinkolanti u jkunu soġġetti għal kontroll u sorveljanza indipendenti; iqis b'mod speċjali li l-parteċipanti kollha fil-katina ta' żvilupp u provvista ta' prodotti u servizzi ta' intelliġenza artifiċjali għandhom ikunu legalment responsabbli u jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi li jiżguraw responsabbiltà u obbligu ta' rendikont;

23. Jissottolinja li r-regolament u l-linji gwida li jikkonċernaw l-ispjegabbiltà, il-kapaċità ta' awditjar, it-traċċabbiltà u t-trasparenza, kif ukoll, fejn meħtieġ minn valutazzjoni tar-riskju, u strettament meħtieġ u fil-waqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ id-dritt tal-Unjoni bħal dak li jikkonċerna l-protezzjoni tad-data, il-privatezza, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u s-sigriet kummerċjali, kif ukoll l-aċċess mill-awtoritajiet pubbliċi għat-teknoloġija, id-data u s-sistemi tal-informatika sottostanti għal dawn it-teknoloġiji, huma essenzjali biex tiġi żgurata l-fiduċja taċ-ċittadini f'dawk it-teknoloġiji, anke jekk il-grad ta' spjegabbiltà huwa relattiv għall-kompleksità tat-teknoloġiji; jinnota li mhux dejjem possibbli li jiġi spjegat għaliex mudell wassal għal riżultat jew deċiżjoni partikolari, l-algoritmi tal-kaxxa s-sewda huma eżempju tajjeb; iqis, għalhekk, li r-rispett ta' dawn il-prinċipji huwa prekundizzjoni biex ikun garantit l-obbligu ta' rendikont;

24. Iqis li ċ-ċittadini, inklużi l-konsumaturi, għandhom ikunu infurmati meta jinteraġixxu ma' sistema li tuża intelliġenza artifiċjali b'mod partikolari biex tippersonalizza prodott jew servizz għall-utenti tagħha, dwar jekk jistgħux, u kif jistgħu, jiftu jew jillimitaw tali personalizzazzjoni;

25. Jirrimarka f'dan ir-rigward li, jekk iridu jkunu affidabbli, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati magħhom iridu jkunu teknikament robusti u preċiżi;



26. Jisħaq li l-protezzjoni ta' networks ta' IA u robotika interkonnessi hija importanti u jridu jittieħdu miżuri b'saħħithom għall-prevenzjoni ta' ksur tas-sigurtà, tixrid ta' data, avvelenament ta' data, attacchi ċibernetiċi u użu ħażin ta' data personali, u dan se jirrikjedi li l-aġenziji, il-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali jaħdmu id fid u f'kooperazzjoni mal-utenti finali ta' dawn it-teknoloġiji; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-valuri tal-Unjoni u r-rispett għad-drittijiet fundamentali jiġu osservati f'kull ħin meta tiġi żviluppata u introdotta t-teknoloġija tal-IA sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali tal-Unjoni;

### **Imparjalità u nondiskriminazzjoni**

27. Ifakkar li l-intelliġenza artifiċjali, skont kif tiġi żviluppata u użata, għandha l-potenzjal li toħloq u ssaħħaħ il-preġudizzji, inkluż permezz ta' preġudizzji inerenti fis-settijiet tad-data sottostanti, u għalhekk, toħloq diversi forom ta' diskriminazzjoni awtomatizzata, inkluża d-diskriminazzjoni indiretta, li tikkonċerna b'mod partikolari lil gruppi ta' persuni b'karatteristiċi simili; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu kwalunkwe miżura possibbli biex jevitaw tali preġudizzji u jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fundamentali;

28. Huwa mħasseb dwar ir-riskji ta' preġudizzji u diskriminazzjoni fl-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji; ifakkar li, f'kull ċirkostanza, dawn għandhom jirrispettaw id-dritt tal-Unjoni, kif ukoll id-drittijiet u d-dinjità tal-bniedem, u l-awtonomija u l-awtodeterminazzjoni tal-individwu, u jiżguraw trattament ugwali u nondiskriminazzjoni għal kulħadd;

29. Jisħaq li t-teknoloġiji tal-IA għandhom jifasslu biex jirrispettaw, iservu u jipproteġu l-valuri tal-Unjoni u l-integrità fiżika u mentali, jappoġġjaw id-diversità kulturali u lingwistika tal-Unjoni u jgħinu biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet essenzjali; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe użu li jista' jwassal għal sfurzar dirett jew indirett inammissibbli, jhedded li jimmina l-awtonomija psikoloġika u s-saħħa mentali jew iwassal għal sorveljanza, qerq jew manipulazzjoni inammissibbli;

30. Jemmen bis-sħiħ li d-drittijiet fundamentali tal-bniedem minquxa fil-Karta għandhom jiġu rrispettati b'mod strett sabiex jiġi żgurat li dawn it-teknoloġiji emerġenti ma johlqux lakuni f'termini ta' protezzjoni;

31. Jafferma li l-preġudizzji possibbli fis-software, l-algoritmi u d-data u d-diskriminazzjoni minnhom jistgħu jikkawżaw ħsara ċara lill-individwi u lis-soċjetà, u għalhekk għandhom jiġu indirizzati billi jitħeġġeġ l-iżvilupp u l-kondiviżjoni ta' strateġiji biex dawn jingħelbu, bħat-tneħħija tal-preġudizzju minn settijiet ta' data fir-riċerka u l-iżvilupp, u bl-iżvilupp ta' regoli dwar l-ipproċessar tad-data; iqis li dan l-approċċ għandu l-potenzjal li jibdel is-software, l-algoritmi u d-data f'assi fil-ġlieda kontra l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni f'ċerti sitwazzjonijiet, u forza għal drittijiet ugwali u bidla soċjali pożittiva;

32. Isostni li l-valuri etiċi ta' ekwità, preċiżjoni, kunfidenzjalità u trasparenza għandhom ikunu l-bażi tal-IA, li f'dan il-kuntest jimplika li l-operazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu tali li ma jiġġenerawx riżultati preġudikati;

33. Jissottolinja l-importanza tal-kwalità tas-settijiet tad-data użati għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati skont il-kuntest tagħhom, speċjalment rigward ir-rappreżentattività tad-data ta' taħriġ, skont it-tneħħija tal-preġudizzju tas-settijiet tad-data, skont l-algoritmi użati u l-istandards tad-data u ta' aggregazzjoni; jisħaq li daww is-settijiet ta' data għandhom jiġu awditjati mill-awtoritajiet kompetenti kull meta jintalbu biex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-prinċipji msemmija preċedentement;

34. Jenfasizza li, fil-kuntest tal-gwerra tad-diżinformazzjoni mifruxa, li hija mmexxija b'mod partikolari minn atturi mhux Ewropej, it-teknoloġiji tal-IA jista' jkollhom effetti etikament negattivi billi jisfruttaw preġudizzji fid-data u fl-algoritmi jew billi deliberatament jibdlu d-data ta' taħriġ minn pajjiż terz, u jistgħu jiġu esposti wkoll għal forom oħra ta' manipulazzjoni ħażina perikoluża b'modi imprevedibbli u b'konsegwenzi inkalkolabbli; għalhekk, hemm ħtieġa akbar li l-Unjoni tkompli tinvesti fir-riċerka, l-analiżi, l-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien transfruntier u transsettorjali, sabiex jiġu żviluppata teknoloġiji tal-IA li jkunu bla dubju ta' xejn mingħajr ebda tip ta' tfassil ta' profil, preġudizzju u diskriminazzjoni, u li jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-ġlieda kontra l-aħbarijiet foloz u d-diżinformazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-privatezza tad-data u l-qafas legali tal-Unjoni;

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

35. Ifakkar fl-importanza li jiġu żgurati rimedji effettivi għall-individwi u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkunu disponibbli proċeduri u mekkaniżmi ta' valutazzjoni aċċessibbli, affordabbli, indipendenti u effettivi biex jiżguraw rieżami imparzjali mill-bniedem tal-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet taċ-ċittadini, bħad-drittijiet tal-konsumatur jew drittijiet ċivili, permezz tal-użu ta' sistemi algoritmiċi, kemm jekk joriġinaw minn atturi tas-settur pubbliku kif ukoll jekk joriġinaw minn atturi tas-settur privat; jissottolinja l-importanza tal-abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi u li tassar id-Direttiva 2009/22/KE li dwarha ntlaħaq ftehim politiku fit-22 ta' Ġunju 2020, rigward każijiet futuri ta' kontestazzjoni tal-introduzzjoni jew tal-użu kontinwu ta' sistema ta' IA li jinvolvu r-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-konsumatur, jew li jfittxu rimedju għal ksur ta' drittijiet; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi tal-Unjoni u dawk nazzjonali jkollhom biżżejjed fondi biex jgħinu lill-konsumaturi jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal rimedju f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tagħhom;

36. Iqis għalhekk li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun tista' tfttex rimedju għal deċiżjoni magħmula minn intelliġenza artifiċjali, robotika jew teknoloġija relatata li tkun ta' ħsara għaliha bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali;

37. Iqis li, bħala l-ewwel punt ta' kuntatt f'każijiet ta' suspett ta' ksur tal-qafas regolatorju tal-Unjoni f'dan il-kuntest, l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jistgħu jiġu indirizzati wkoll mill-konsumaturi b'talbiet għal rimedju bil-għan li jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-qafas imsemmi hawn fuq;

**Responsabbiltà soċjali u bilanċ bejn il-ġeneri**

38. Jenfasizza li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġija relatata soċjalment responsabbli għandhom rwol x'jaqdu biex jikkontribwixxu għas-sejba ta' soluzzjonijiet li jissalvagwardjaw u jippromwovu l-valuri u d-drittijiet fundamentali tas-soċjetà tagħna bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-midja diversa u indipendenti u l-informazzjoni oġġettiva u disponibbli b'mod liberu, is-saħħa u l-prospertà ekonomika, l-opportunitajiet indaqs, id-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, l-edukazzjoni ta' kwalità, il-protezzjoni tat-tfal, id-diversità kulturali u lingwistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-litteriżmu diġitali, l-innovazzjoni u l-kreattività; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li l-interessi taċ-ċittadini kollha, inklużi dawk li huma emarġinati jew jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, bħal persuni b'diżabbiltà, jitqiesu u jiġu rappreżentati b'mod adegwat;

39. Jissottolinja l-importanza li jinkiseb livell għoli ta' litteriżmu diġitali ġenerali u li jingħata taħriġ lil professjonisti b'ħiliet għolja f'dan il-qasam kif ukoll li jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' tali kwalifiki fl-Unjoni kollha; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm timijiet varjati ta' żviluppaturi u inġiniera li jaħdmu flimkien mal-atturi ewlenin tas-soċjetà, biex il-preġudizzji bbażati fuq il-ġeneru u l-kultura jinżammu milli jiġu inklużi b'mod involontarju fl-algoritmi, fis-sistemi u fl-applikazzjonijiet tal-IA; jappoġġja l-ħolqien ta' kurrikuli edukattivi u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni pubblika li jikkonċernaw l-impatt soċjetali, legali u etiku tal-intelliġenza artifiċjali;

40. Jisħaq fuq l-importanza vitali li tiġi ggarantita l-libertà tal-ħsieb u tal-espressjoni, biex b'hekk jiġi żgurat li dawn it-teknoloġiji ma jippromwovux id-diskors ta' mibegħda jew il-vjolenza; u b'hekk iqis li t-tfixkil jew ir-restrizzjoni tal-libertà tal-espressjoni eżerċitati diġitalment huma illegali skont il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, ħlief fejn l-eżerċizzju ta' dan id-dritt fundamentali jinvolvi atti illegali;

41. Jisħaq li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġija relatata jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u jafferma li l-mudell Ewropew għall-iżvilupp tagħhom irid ikun ibbażat fuq il-fiduċja taċ-ċittadini u fuq koeżjoni soċjali akbar;

42. Jisħaq li l-introduzzjoni ta' kwalunkwe sistema ta' intelliġenza artifiċjali m'għandhiex tillimita bla bżonn l-aċċess tal-utenti għal servizzi pubbliċi bħas-sigurtà soċjali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tevalwa kif jista' jintlaħaq dan l-għan;

43. Jisħaq fuq l-importanza ta' riċerka u żvilupp responsabbli bil-għan li jiġi massimizzat il-potenzjal sħiħ tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġija relatata għaċ-ċittadini u għall-ġid pubbliku; jappella għall-mobilizzazzjoni tar-riżorsi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha sabiex tiġi żviluppata u appoġġjata l-innovazzjoni responsabbli;

## It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

44. Jisħaq li l-għarfien espert teknoloġiku se jkun dejjem aktar importanti u għalhekk se jkun meħtieġ li jiġu aġġornati kontinwament il-korsijiet ta' taħriġ, b'mod partikolari għall-ġenerazzjonijiet futuri, u li jiġi promoss it-taħriġ mill-ġdid vokazzjonali ta' dawk li diġà jinsabu fis-suq tax-xogħol; isostni, f'dan ir-rigward, li l-innovazzjoni u t-taħriġ għandhom jiġu promossi mhux biss fis-settur privat iżda wkoll fis-settur pubbliku;
45. Jinsisti li l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji m'għandhom jikkawżaw l-ebda tip ta' korriment jew ħsara lil individwi jew lis-soċjetà jew lill-ambjent u li, għaldaqstant, l-iżviluppaturi, dawk li jintroduċuhom u l-utenti ta' dawn it-teknoloġiji għandhom jinżammu responsabbli għal tali korriment jew ħsara f'konformità mar-regoli ta' responsabbiltà rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali;
46. Jistieden lill-Istati Membri jivvalutaw jekk it-telf ta' impjegi li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' dawn it-teknoloġiji għandux iwassal għal politiki pubbliċi xierqa bħal tnaqqis fil-ħin tax-xogħol;
47. Isostni li huwa meħtieġ bil-qawwa approċċ ta' tfassil ibbażat fuq il-valuri tal-Unjoni u l-prinċipji etiċi biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni soċjali mifruxa tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati; iqis dan l-approċċ, immirat għall-iżvilupp ta' IA affidabbli, etikament responsabbli u teknikament robusta, bħala fattur importanti li jippermetti mobbiltà sostenibbli u intelliġenti li tkun sikura u aċċessibbli;
48. Jiġbed l-attenzjoni għall-valur miżjud għoli li ġej mill-vetturi awtonomi għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa, peress li tali vetturi jippermettu lil dawn il-persuni jieħdu sehem b'mod aktar effettiv fi trasport bit-triq individwali u b'hekk jiffaċilitawhom il-ħajja ta' kuljum tagħhom; jisħaq fuq l-importanza tal-aċċessibbiltà, speċjalment meta jtfasslu sistemi MaaS (Mobbiltà bħala Servizz);
49. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja l-iżvilupp ta' sistemi affidabbli tal-IA sabiex it-trasport isir aktar sikur, aktar effiċjenti, aċċessibbli, affordabbli u inklużiv, inkluż għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà, filwaqt li tqis id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(13)</sup> u d-dritt tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri;
50. Iqis li l-IA tista' tgħin biex jintużaw aħjar il-ħiliet u l-kompetenzi tal-persuni b'diżabbiltà u li l-applikazzjoni tal-IA fuq il-post tax-xogħol tista' tikkontribwixxi għal swieq tax-xogħol inklużivi u rati ta' impjieg ogħla għall-persuni b'diżabbiltà;

**Ambjent u sostenibbiltà**

51. Jiddikjara li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandhom jintużaw mill-gvernijiet u n-negozji għall-benefiċċju tan-nies u tal-pjaneta, jikkontribwixxu għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli, għall-preservazzjoni tal-ambjent, in-newtralità klimatika u l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari; l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika, għall-preservazzjoni tal-ambjent, għall-minimizzazzjoni u r-rimedju ta' kwalunkwe ħsara kkawżata lill-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u tul il-katina sħiħa tal-provvista tagħhom f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;
52. Minħabba l-impatt ambjentali sinifikanti tagħhom, għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti, l-impatt ambjentali tal-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jistgħu, fejn rilevanti u xieraq, jiġu evalwati matul il-ħajja tagħhom minn awtoritajiet speċifiċi għas-settur; tali evalwazzjoni tista' tinkludi stima tal-impatt tal-estrazzjoni tal-materjali meħtieġa, u tal-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra kkawżati mill-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tagħhom;
53. Jipproponi li bil-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali mill-aktar avvanzati responsabbli, il-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandu jiġi esplorat, stimulat u massimizzat permezz ta' riċerka u żvilupp responsabbli li jirrikjedu l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha;
54. Jenfasizza l-fatt li l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jipprovdu opportunitajiet għall-promozzjoni tal-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli deskritti min-Nazzjonijiet Uniti, tat-tranżizzjoni tal-enerġija globali u tad-dekarbonizzazzjoni;

<sup>(13)</sup> Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-reqwiziti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

55. Iqis li l-oġġettivi tar-responsabbiltà soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ħarsien tal-ambjent u s-sostenibbiltà għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi ġenerali u settorjali eżistenti f'dawn l-oqsma; jemmaen li għandhom jiġu stabbiliti linji gwida ta' implimentazzjoni mhux vinkolanti għall-iżviluppaturi, dawk li jintroduċuhom u l-utenti, speċjalment tat-teknoloġiji ta' riskju għoli, rigward il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament u l-kisba ta' dawk l-oġġettivi;

56. Jistieden lill-Unjoni tippromwovi u tiffinanzja l-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ċċentriati fuq il-bniedem li jindirizzaw l-isfidi ambjentali u klimatiċi u li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet fundamentali permezz tal-użu ta' inċentivi fiskali, ta' akkwist jew ta' inċentivi oħra;

57. Jisħaq li, minkejja l-marka għolja attwali tal-karbonju tal-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi deċiżjonijiet awtomatizzati u taġħlim bil-magni, dawk it-teknoloġiji jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-impronta ambjentali attwali tas-settur tal-ICT; jissottolinja li dawk it-teknoloġiji relatati u teknoloġiji oħra regolati b'mod xieraq għandhom ikunu faċilitaturi kritiċi biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi f'ħafna setturi differenti u għandhom jagħtu spinta lill-impatt tal-politiki li jipprovdu protezzjoni ambjentali, pereżempju l-politiki dwar it-tnaqqis tal-iskart u d-degradazzjoni ambjentali;

58. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar l-impatt tal-marka tal-karbonju tat-teknoloġija tal-IA u l-impatti pożittivi u negattivi tat-tranżizzjoni għall-użu tat-teknoloġija tal-IA mill-konsumaturi;

59. Jinnota li, minħabba l-iżvilupp dejjem akbar ta' applikazzjonijiet tal-IA, li jirrikjedu riżorsi komputazzjonali, tal-ħżin u tal-enerġija, l-impatt ambjentali tas-sistemi tal-IA għandu jiġi kkunsidrat tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

60. Iqis li f'oqsma bħas-saħħa, fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabbiltà trid taqa' fuq persuna fiżika jew ġuridika; jenfasizza l-ħtieġa ta' data ta' taħriġ traċċabbli u pubblikament disponibbli għall-algoritmi;

61. Jappoġġja b'saħħa l-ħolqien ta' Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija Ewropea għad-data li għandu l-għan li jippromwovi l-iskambju ta' data dwar is-saħħa u li jappoġġja r-riċerka b'rispett sħiħ tal-protezzjoni tad-data, inkluż l-ipproċessar tad-data b'teknoloġija tal-IA, u li jsaħħa u jestendi l-użu u l-użu mill-ġdid tad-data dwar is-saħħa; jinkoraġġixxi t-titjib tal-iskambju transfruntier tad-data dwar is-saħħa, ir-rabta u l-użu ta' tali data permezz ta' repożitorji siguri, federati, tipi speċifiċi ta' informazzjoni dwar is-saħħa, bħal Rekords tas-Saħħa Ewropej (EHRs), informazzjoni ġenomika, u immaġnijiet tas-saħħa diġitali biex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà fl-Unjoni kollha ta' reġistri jew bażijiet tad-data f'oqsma bħas-setturi tar-riċerka, tax-xjenza u tas-saħħa;

62. Jenfasizza l-benefiċċji tal-IA għall-prevenzjoni, it-trattament u l-kontroll tal-mard, kif jixhed il-fatt li l-IA bassret l-epidemija tal-COVID-19 qabel id-WHO; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħammar b'mod adegwat lill-ECDC bil-qafas regolatorju u r-riżorsi biex jiġbor id-data dwar is-saħħa globali f'ħin reali u anonimizata meħtieġa b'mod indipendenti flimkien mal-Istati Membri, biex b'hekk, fost għanijiet oħra, jindirizza l-problemi li nkixfu mill-kriżi tal-COVID-19;

**Privatezza u rikonoximent bijometriku**

63. Josserva li l-produzzjoni u l-użu tad-data, inkluża data personali bħal data bijometrika, li jirriżultaw mill-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, qed jiżdiedu b'mod rapidu, u b'hekk jissottolinjaw il-ħtieġa li jiġu rispettati u infurzati d-drittijiet taċ-ċittadini għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali f'konformità mad-dritt tal-Unjoni;

64. Jirrimarka li l-possibbiltà pprovduta minn dawn it-teknoloġiji għall-użu ta' data personali u mhux personali għall-kategorizzazzjoni u l-mira fuq livell mikro tal-persuni, għall-identifikazzjoni tal-vulnerabbiltajiet tal-individwi, jew għall-isfruttament ta' għarfien predittiv preċiż, trid tiġi kontrobalanċjata minn prinċipji infurzati b'mod effettiv dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza bħall-minimizzazzjoni tad-data, id-dritt li ssir oġġezzjoni għat-tfassil ta' profili u l-kontroll tal-użu ta' data ta' dak li jkun, id-dritt li tinkiseb spjegazzjoni dwar deċiżjoni bbażata fuq l-ipproċessar awtomatizzat u l-privatezza mid-disinn, kif ukoll dawk tal-proporzjonalità, in-neċessità u l-limitazzjoni bbażati fuq skopijiet strettement identifikati f'konformità mal-GDPR;

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

65. Jenfasizza li meta teknoloġiji ta' rikonoxximent remot, bħar-rikonoxximent ta' karatteristiċi bijometriċi, b'mod partikolari r-rikonoxximent tal-wiċċ, jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi, għal skopijiet sostanzjali ta' interess pubbliku, l-użu tagħhom għandu dejjem jiġi żvelat, ikun proporzjonat, immirat u limitat għal objettivi speċifiċi, ristrett fiż-żmien skont id-dritt tal-Unjoni u għandu jkollu kunsiderazzjoni xierqa għad-dinjità u l-awtonomija tal-bniedem u għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta. Il-kriterji u l-limiti għal dak l-użu għandhom ikunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju u skrutinju demokratiku u għandhom iqisu l-impatt psikoloġiku u soċjokulturali tiegħu fuq is-soċjetà ċivili;

66. Jinnota li filwaqt li l-introduzzjoni ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati fil-qafas ta' deċiżjonijiet dwar il-poter pubbliku għandha benefiċċji, din tista' tirriżulta fużu ħażin gravi, bħas-sorveljanza tal-massa, il-policing predittiv u l-ksur tad-drittijiet tal-proċess ġust;

67. Iqis li t-teknoloġiji li jistgħu jipproduċu deċiżjonijiet awtomatizzati, u b'hekk jissostitwixxu d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet pubbliċi, għandhom jiġu trattati bl-akbar prekawzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi;

68. Jemmen li l-Istati Membri għandu jkollhom rikors għal teknoloġiji bħal dawn biss jekk ikun hemm evidenza bir-reqqa tal-affidabbiltà tagħhom u jekk ikun possibbli jew sistematiku intervent u rieżami sinifikattivi tal-bniedem f'każijiet fejn libertajiet fundamentali jkunu friskju; jissottolinja l-importanza li l-awtoritajiet nazzjonali jagħmlu valutazzjoni stretta tal-impatt tad-drittijiet fundamentali għas-sistemi ta' intelliġenza artifiċjali introdotti f'dawn il-każijiet, speċjalment wara li daww it-teknoloġiji jiġu evalwati bħala ta' riskju għoli;

69. Huwa tal-fehma li kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-intelliġenza artifiċjali, mir-robotika jew mit-teknoloġiji relatati fil-qafas tal-prerogattivi tal-poter pubbliku għandha tkun soġġetta għal intervent uman sinifikattiv u proċess dovut, speċjalment wara li daww it-teknoloġiji jiġu vvalutati bħala ta' riskju għoli;

70. Jemmen li l-avvanz teknoloġiku m'għandux iwassal biex l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jintużaw biex b'mod awtonomu jieħdu deċiżjonijiet tas-settur pubbliku li jkollhom impatt dirett u sinifikanti fuq id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini;

71. Jinnota li l-IA, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri jistgħu jtejbu s-sikurezza u s-sigurtà pubblika, iżda jeħtieġu wkoll skrutinju pubbliku estensiv u rigoruż u l-ogħla livell possibbli ta' trasparenza kemm fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ta' applikazzjonijiet individwali, kif ukoll ħarsa ġenerali lejn l-użu tal-IA, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u l-kontroll tal-fruntieri; iqis li dawn it-teknoloġiji jgħibu magħhom riskji etiċi sinifikanti li jridu jiġu indirizzati b'mod adegwat, meta wieħed iqis l-effetti negattivi possibbli fuq l-individwi f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari d-drittijiet tagħhom għall-privatezza, il-protezzjoni tad-data u n-nondiskriminazzjoni; jisħaq li l-użu ħażin tagħhom jista' jsir theddida diretta għad-demokrazzja u li l-introduzzjoni u l-użu tagħhom iridu jirrispettaw il-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll id-dritt sekondarju rilevanti tal-Unjoni, bħar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data; jisħaq li l-IA qatt m'għandha tissostitwixxi lill-bnedmin fl-ġhotti ta' sentenzi; iqis li deċiżjonijiet, bħall-kisba ta' pleġġ jew probation, is-smiġħ fil-qorti, jew deċiżjonijiet ibbażati unikament fuq ipproċessar awtomatizzati, li jipproduċu effett legali li jikkonċerna lil individwu jew li jaffettwaw b'mod sinifikanti, iridu dejjem jinvolvu valutazzjoni sinifikattiva u ġudizzju ta' bniedem;

### **Governanza tajba**

72. Jisħaq li l-governanza xierqa tal-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, speċjalment it-teknoloġiji ta' riskju għoli inkluż billi jkun hemm stabbiltà miżuri li jiffukaw fuq l-obbligu ta' rendikont u li jindirizzaw ir-riskji potenzjali ta' preġudizzju u diskriminazzjoni, tista' żżid is-sikurezza u l-fiduċja taċ-ċittadini f'daww it-teknoloġiji;

73. Iqis li qafas komuni għall-governanza ta' dawn it-teknoloġiji, ikkoordinat mill-Kummissjoni u/jew minn kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru għal dan il-kompitu f'dan il-kuntest, li għandu jiġi implimentat mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali f'kull Stat Membru, jiżgura approċċ tal-Unjoni koerenti u jevita frammentazzjoni tas-suq uniku;

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

74. Josserva li d-data tintuża f'volumi kbar fl-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati u li l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-aċċess għal tali data u l-użu tagħha jridu jiġu rregolati f'konformità mad-dritt u mar-rekwiżiti tal-kwalità, tal-integrità, tal-interoperabbiltà, tat-trasparenza, tas-sigurtà, tal-privatezza u tal-kontroll stabbiliti fih;

75. Ifakkar li l-aċċess għad-data huwa komponent essenzjali fit-tkabbir tal-ekonomija diġitali; jirrimarka f'dan ir-rigward li l-interoperabbiltà tad-data, billi tillimita l-effetti ta' intrappolament tal-klijentela, għandha rwol ewlieni fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ġusti tas-suq u fil-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku Diġitali;

76. Jissottolinja l-hteġa li jkun żgurat li d-data personali jkunu protetti b'mod adegwat, speċjalment data dwar, jew li tkun ġejja minn, gruppi vulnerabbli, bħal persuni b'diżabbiltà, pazjenti, tfal, anzjani, minoranzi, migranti u gruppi oħra friskju ta' esklużjoni;

77. Jinnota li l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati mill-awtoritajiet pubbliċi spiss jiġu esternalizzati lil partijiet privati; iqis li dan m'għandu bl-ebda mod jikkomprometti l-protezzjoni tal-valuri pubbliċi u tad-drittijiet fundamentali; iqis li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-akkwist pubbliku għandhom jirriflettu l-istandards etiċi imposti fuq l-awtoritajiet pubbliċi, fejn applikabbli;

**II-konsumaturi u s-suq intern**

78. Jissottolinja l-importanza ta' qafas regolatorju għall-IA li japplika meta konsumaturi fl-Unjoni jkunu utenti ta' sistema algoritmika jew ikunu soġġetti għaliha, fil-mira tagħha jew iggwidati lejha, irrispettivament mill-post ta' stabbiliment tal-entitajiet li jiżviluppaw, ibiġhu jew jużaw is-sistema; jemmen, barra minn hekk, li, fl-interess taċ-ċertezza legali, ir-regoli stabbiliti f'dan il-qafas għandhom japplikaw għall-iżviluppaturi kollha u tul il-katina tal-valur, jiġifieri l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tat-teknoloġiji rilevanti u l-komponenti tagħhom u għandhom jiggwarantixxu livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur;

79. Jinnota r-rabta intrinsika bejn l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn dawn it-teknoloġiji, u l-oqsma bħall-internet tal-oġġetti, it-tagħlim bil-magni, is-sistemi bbażati fuq ir-regoli jew il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati u assistiti; jinnota wkoll li għandhom jiġu żviluppati sistemi ta' ikoni standardizzati li jispjegaw dawk is-sistemi lill-konsumaturi kull meta dawk is-sistemi jkunu kkumplikati jew ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jħallu impatt sinifikanti fuq il-ħajja tal-konsumaturi;

80. Ifakkar li l-Kummissjoni għandha teżamina l-qafas legali eżistenti u l-applikazzjoni tiegħu, inkluż l-*acquis* tal-liġi tal-konsumatur, il-leġiżlazzjoni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti, il-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-leġiżlazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq, sabiex jiġu identifikati lakuni legali, kif ukoll obbligi regolatorji eżistenti; iqis li dan huwa meħtieġ sabiex jiġi aċċertat jekk dan huwiex kapaċi jwieġeb għall-isfidi l-ġodda maħluqa mill-emerġenza tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati u jekk huwiex kapaċi jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur;

81. Jišhaq fuq il-hteġa li jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi maħluqa mill-intelliġenza artifiċjali, mir-robotika u mit-teknoloġiji relatati u li jiġi żgurat li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa u l-protezzjoni kif xieraq; jissottolinja l-hteġa li wieħed iħares lil hinn mill-prinċipji tradizzjonali ta' informazzjoni u ta' żvelar li fuqhom inbena l-*acquis* tal-liġi tal-konsumatur, peress li se jkunu meħtieġa drittijiet tal-konsumatur aktar b'saħħithom u limitazzjonijiet ċari dwar l-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati biex jiżguraw li tali teknoloġija tikkontribwixxi biex il-ħajja tal-konsumaturi tkun aħjar u tevolvi b'mod li jirrispetta d-drittijiet fundamentali u tal-konsumatur u l-valuri tal-Unjoni;

82. Jirrimarka li l-qafas leġiżlattiv introdott bid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE<sup>(14)</sup> jipprevedi lista armonizzata ta' obbligi għall-produtturi, l-importaturi u d-distributuri, jinkoraġġixxi l-użu ta' standards u jipprevedi diversi livelli ta' kontroll skont kemm huwa perikoluż il-prodott; iqis li dak il-qafas għandu japplika wkoll għal prodotti bl-IA inkorporata;

<sup>(14)</sup> Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

83. Jinnota li għall-iskop tal-analiżi tal-impatti tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fuq il-konsumaturi, l-aċċess għad-data jista', meta f'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni, bħal dak li jikkonċerna l-protezzjoni tad-data, il-privatezza u s-sigriet kummerċjali, jiġi estiż għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; ifakkar fl-importanza li l-konsumaturi jiġu edukati biex ikunu iktar infurmati u mgħammra b'ħiliet meta jużaw l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, sabiex ikunu mħarsa mir-riskji potenzjali u jiġu rrispettati d-drittijiet tagħhom;

84. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri għat-traċċabbiltà tad-data, filwaqt li żżomm f'moħħha kemm il-legalità tal-akkwist tad-data kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumatur u d-drittijiet fundamentali, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ id-dritt tal-Unjoni bħal dak li jikkonċerna l-protezzjoni tad-data, il-privatezza, id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u s-sigriet kummerċjali;

85. Jinnota li dawn it-teknoloġiji għandhom ikunu ċċentrati fuq l-utent u mfassla b'tali mod li jippermettu li kulħadd juża prodotti jew servizzi tal-IA, irrispettivament mill-età, is-sess, l-abbiltajiet jew il-karatteristiċi tagħhom; jinnota li l-aċċessibilità tagħhom għall-persuni b'diżabbiltà hija ta' importanza partikolari; jinnota li m'għandux ikun hemm approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd u għandhom jiġu kkunsidrati l-prinċipji ta' disinn universali li jindirizzaw l-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' utenti u li jsegwu l-istandards ta' aċċessibilità rilevanti; jisħaq li dan jippermetti li l-individwi jkollhom aċċess ekwu għal attivitajiet tal-bniedem medjati mill-kompjuter u għal teknoloġiji ta' assistenza eżistenti u emerġenti u li jipparteċipaw b'mod attiv fihom;

86. Jisħaq li fejn flus li joriġinaw minn sorsi pubbliċi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp, l-introduzzjoni jew l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, minbarra standards ta' akkwist miftuħ u kkuntrattar miftuħ, tista' tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li l-kodiċi, id-data ġenerata, sakemm ma jkunux personali, u l-mudell imħarreġ jistgħu jkunu magħmula pubbliċi b'mod awtomatiku bi ftehim mal-iżviluppatur, biex tkun garantita t-trasparenza, tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà u jkun possibbli l-użu mill-ġdid tagħhom sabiex tiġi mħeġġa l-innovazzjoni; jisħaq li, b'dan il-mod, il-potenzjal sħiħ tas-suq uniku jista' jiġi sfruttat filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq;

87. Iqis li l-IA, ir-robotika, u t-teknoloġiji relatati għandhom potenzjal enormi li jwasslu opportunitajiet għall-konsumaturi biex ikollhom aċċess għal diversi kumditajiet f'ħafna aspetti ta' ħajjithom flimkien ma' prodotti u servizzi aħjar, kif ukoll jibbenefikaw minn sorveljanza aħjar tas-suq, sakemm jibqgħu japplikaw il-prinċipji, il-kundizzjonijiet (inklużi t-trasparenza u l-kapaċità tal-awditjar) u r-regolamenti kollha applikabbli;

### **Sigurtà u difiża**

88. Jenfasizza li l-politiki ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha huma gwidati mill-prinċipji minqax fil-Karta u minn dawk tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, u minn fehim komuni tal-valuri universali tar-rispett tad-drittijiet invjolabbli u inaljenabbli tal-persuna umana, id-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, tad-demokrazija, tal-ugwaljanza u tal-istat tad-dritt; jisħaq li l-isforzi kollha relatati mad-difiża fil-qafas tal-Unjoni jridu jirrispettaw dawk il-valuri universali filwaqt li jippromwovu l-paċi, is-sigurtà u l-progress fl-Ewropa u fid-dinja;

89. Jilqa' l-approvazzjoni, mil-Laqgħa tal-2019 tal-Partijiet Kontraenti Għolja għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar Ċerti Armi Konvenzjonali (CCW), ta' 11-il Prinċipju ta' Gwida għall-iżvilupp u l-użu ta' sistemi ta' armi awtonomi; jiddispijaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' qbil dwar strument legalment vinkolanti li jirregola l-armi awtonomi letali (LAWS), b'mekkaniżmu ta' infurzar effettiv; jilqa' u jappoġġja r-rapport tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali intitolat l-"Ethics Guidelines for Trustworthy AI" ("Linji Gwida tal-Etika għal IA Affidabbli") ippubblikat fid-9 ta' April 2019 u l-pożizzjoni tiegħu dwar is-sistemi ta' armi awtonomi letali (LAWS); iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji nazzjonali għad-definizzjoni u l-istatus ta' armi awtonomi letali (LAWS) lejn strateġija komprensiva fil-livell tal-Unjoni u biex jippromwovu, flimkien mar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni/Viċi President tal-Kummissjoni ("RGħ/VP"), u l-Kunsill, id-diskussjoni dwar il-LAWS fil-qafas tas-CCW tan-NU u f'fora rilevanti oħra u l-istabbiliment ta' standards internazzjonali dwar il-parametri etiċi u legali għal-iżvilupp u l-użu ta' sistemi ta' armi letali kompletament awtonomi, semiawtonomi u kkontrollati b'mod remot; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-risoluzzjoni tiegħu dwar is-sistemi ta' armi awtonomi tat-12 ta' Settembru 2018 u jappella għal darb'oħra għall-iżvilupp u l-adozzjoni urġenti ta' pożizzjoni komuni dwar is-sistemi ta' armi letali awtonomi, għal projbizzjoni internazzjonali fuq l-iżvilupp, il-produzzjoni u l-użu ta' sistemi ta' armi letali awtonomi li jippermettu li jsiru attakki mingħajr kontroll uman sinifikattiv u mingħajr rispett tal-prinċipju ta' "human-in-the-loop", f'konformità mad-dikjarazzjoni tar-riċerkaturi l-aktar prominenti tal-IA

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

fid-dinja fl-ittra miftuħa ta'ghom tal-2015; jilqa' l-ftehim tal-Kunsill u tal-Parlament li jiġu esklużi armi awtonomi letali "mingħajr il-possibbiltà ta' kontroll uman sinifikattiv fuq id-deċiżjonijiet ta' għażla u intervent meta jitwettqu l-attakki" minn azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond Ewropew għad-Difiża; jemmen li l-aspetti etiċi ta' applikazzjonijiet oħra tal-IA fid-difiża, bħall-operazzjonijiet ta' intelligence, sorveljanza u rikonjizzjoni (ISR) jew l-operazzjonijiet ċibernetiċi ma jridux jiġu traskurati, u trid tingħata attenzjoni speċjali lill-iżvilupp u l-użu ta' droni f'operazzjonijiet militari;

90. Jissottolinja li t-teknoloġiji emerġenti fis-settur tad-difiża u tas-sigurtà li mhumiex koperti mid-dritt internazzjonali għandhom jiġu għudikati bil-prinċipju tar-rispett tal-umanità u l-prinċipji tal-kuxjenza pubblika;

91. Jirrakkomanda li kwalunkwe qafas Ewropew li jirregola l-użu ta' sistemi mħaddma bl-IA fid-difiża, kemm f'sitwazzjoni ta' għied kif ukoll mhux ta' għied, irid jirrispetta r-reġimi legali applikabbli kollha, b'mod partikolari d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u jrid ikun konformi mad-dritt, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-disparitajiet f'termini ta' infrastrutturi teknika u ta' sigurtà fl-Unjoni kollha;

92. Jirrikonoxxi li għall-kuntrarju tal-bażijiet industrijali tad-difiża, l-innovazzjonijiet kritiċi tal-IA jistgħu jiġu minn Stati Membri żgħar, u b'hekk, approċċ standardizzat tal-PSDK għandu jiżgura li l-Istati Membri iżgħar u l-SMEs ma jiġux esklużi; jisħaq li ġabra ta' kapaċitajiet komuni tal-IA tal-UE mqabbla mal-kunċetti operattivi tal-Istati Membri tista' tnaqqas il-lakuni tekniċi li jistgħu jħallu barra lill-Istati nieqsa mit-teknoloġija rilevanti, l-għarfien espert tal-industrija jew il-kapaċità li jimplimentaw sistemi tal-IA fil-ministeri tad-difiża ta'ghom;

93. Iqis li l-attivitajiet attwali u futuri relatati mas-sigurtà u d-difiża fil-qafas tal-Unjoni se jkunu bbażati fuq l-IA, ir-robotika u l-awtonomija u fuq teknoloġiji relatati, u li IA robusta u affidabbli tista' tikkontribwixxi għal militar modern u effettiv; għalhekk, l-Unjoni jeħtiġilha tassumi rwol ewlieni fir-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IA fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jemmen li l-użu ta' applikazzjonijiet mħaddma bl-IA fis-sigurtà u d-difiża jistgħu joffru għadd ta' benefiċċji diretti lill-kmandant tal-operazzjoni, bħal data miġbura ta' kwalità ogħla, għarfien aħjar tas-sitwazzjoni, teħid aktar rapidu ta' deċiżjonijiet, riskju mnaqqas ta' ħsara kollaterali bis-saħħa ta' networks aħjar ta' kejbils, il-protezzjoni tal-forzi fuq il-post, kif ukoll affidabbiltà akbar tat-tagħmir militari u b'hekk inqas riskju għall-bnedmin u ta' vittmi umani; jisħaq li l-iżvilupp ta' IA affidabbli fil-qasam tad-difiża huwa essenzjali biex tiġi żgurata awtonomija strateġika Ewropea fil-qasam tal-kapaċità u dak operattiv; ifakkar li s-sistemi tal-IA qed isiru wkoll elementi ewlenin fil-għied kontra t-theddid emerġenti għas-sigurtà, bħall-gwerra ċibernetika u l-gwerra ibrida kemm fl-isfera online kif ukoll dik offline; jissottolinja, fl-istess ħin, ir-riskji u l-isfidi kollha tal-użu mhux regolat tal-IA; jinnota li l-IA tista' tiġi esposta għal manipulazzjoni, żbalji u ineżattezzi;

94. Jisħaq li t-teknoloġiji tal-IA għandhom, essenzjalment, ta' użu doppju, u l-iżvilupp tal-IA f'attivitajiet relatati mad-difiża jibbenefika minn skambji bejn it-teknoloġiji militari u dawk ċivili; jenfasizza li l-IA f'attivitajiet relatati mad-difiża hija teknoloġija ta' tfixkil trasversali li l-iżvilupp tagħha jista' jipprovdi opportunitajiet għall-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni;

95. Jirrikonoxxi, fil-kuntest tal-gwerra ibrida u avvanzata tal-lum, li l-volum u l-veloċità ta' informazzjoni matul il-fażijiet bikrija ta' kriżi jistgħu jkunu enormi għall-analisti umani u li sistema tal-IA tista' tipproċessa l-informazzjoni biex tiżgura li l-bnedmin li jieħdu deċiżjonijiet ikunu qed isegwu l-ispettru sħiħ ta' informazzjoni f'perjodu ta' żmien xieraq għal rispons rapidu;

96. Jissottolinja l-importanza li jsir investiment fl-iżvilupp tal-kapital uman għall-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jitrawmu l-ħiliet u l-edukazzjoni meħtieġa fil-qasam tad-difiża u d-difiża b'enfasi partikolari fuq l-etika ta' sistemi operattivi semiawtonomi u awtonomi, ibbażati fuq l-obbligu ta' rendikont mill-bniedem f'dinja mħaddma bl-IA; jisħaq b'mod partikolari fuq l-importanza li jkun żgurat li l-etiċi f'dan il-qasam ikollhom ħiliet xierqa u jirċievu taħriġ xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli t-"Tisħiħ tal-Aġenda għall-Ħiliet" tagħha, imħabbra fil-White Paper dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fid-19 ta' Frar 2020;



97. Jisħaq li l-computing kwantistiku jista' jirrappreżenta l-aktar bidla rivoluzzjonarja fil-kunflitti mill-introduzzjoni tal-armi nukleari u b'hekk iħeġġeġ sabiex l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji tal-computing kwantistiku jkun prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri; jirrikonoxxi li atti ta' aggressjoni, inklużi attacchi fuq infrastruttura kritika, megħjuna mill-computing kwantistiku joħlqu ambjent ta' kunflitt fejn il-ħin biex jittieħdu deċiżjonijiet se jkun kompressat b'mod drammatiku minn jiem u sigħat għal minuti u sekondi, u dan iġieġhel lill-Istati Membri jiżviluppaw kapaċitajiet li jipproteġuom u jħarrġu kemm lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll lill-persunal militari biex jirreaġixxu b'mod effettiv fi żmien qasir bħal dan;

98. Jappella għal investiment akbar fl-IA Ewropea għad-difiża u fl-infrastruttura kritika li ssostniha;

99. Ifakkar li l-parti l-kbira mis-setgħat militari attwali madwar id-dinja diġà huma involuti fi sforzi sinifikanti ta' R&Ż relatati mad-dimensjoni militari tal-intelliġenza artifiċjali; iqis li l-Unjoni jeħtiġilha tiżgura li ma tibqax lura f'dan ir-rigward;

100. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-bini tal-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà fil-politika industrijali tagħha sabiex tiżgura l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi mħaddma bl-IA u sistemi robotiċi sikuri, reżiljenti u robusti; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-użu ta' protokollu u applikazzjonijiet taċ-ċibersigurtà bbażati fuq il-blockchain biex jittejjbu r-reżiljenza, l-affidabbiltà u r-robustezza tal-infrastrutturi tal-IA permezz ta' mudelli diżintermedjati ta' kriptaġġ tad-data; iħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati Ewropej jirriċerkaw u jikkonċepixxu karatteristiċi avvanzati li jiffaċilitaw id-detezzjoni ta' sistemi mħaddma bl-IA u sistemi robotiċi korrotti u malizzjużi li jistgħu jimminaw is-sigurtà tal-Unjoni u taċ-ċittadini;

101. Jisħaq li s-sistemi kollha tal-IA fil-qasam tad-difiża jrid ikollhom qafas ta' missjoni konkret u definit b'mod preċiż, li permezz tiegħu l-bnedmin iżommu l-kapaċità ta' detezzjoni u diżinvolviment jew diżattivazzjoni tas-sistemi użati, jekk dawn imorru lil hinn mill-qafas ta' missjoni definit u assenjat minn kmandant uman, jew jipparteċipaw fi kwalunkwe azzjoni eskalatorja jew mhux intenzjonata; iqis li s-sistemi, il-prodotti u t-teknoloġiji mħaddma bl-IA u maħsuba għall-użu militari għandhom ikunu mgħammra b'"reġistratur" biex tiġi rreġistrata kull tranżazzjoni ta' data mwettqa mill-magna;

102. Jissottolinja li r-responsabbiltà sħiħa u l-obbligu ta' rendikont għad-deċiżjoni ta' tfassil, żvilupp, introduzzjoni u użu ta' sistemi tal-IA jridu jkunu fidejn operaturi umani, peress li jrid ikun hemm monitoraġġ u kontroll sinifikattiv mill-bniedem fuq kwalunkwe sistema tal-armi u intenzjoni umana fid-deċiżjoni li tintuża l-forza fl-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' sistemi ta' armi mħaddma bl-IA li jista' jkollha konsegwenzi letali; jissottolinja li l-kontroll mill-bniedem għandu jibqa' effettiv għall-kmand u l-kontroll ta' sistemi mħaddma bl-IA, billi jiġu segwiti l-prinċipji ta' "human-in-the loop", "human-on-the-loop" u "human-in-command" fil-livell tat-tmexxija militari; jisħaq li s-sistemi mħaddma bl-IA jridu jippermettu li t-tmexxija militari tal-armati tassumi r-responsabbiltà sħiħa tagħha u tagħti rendikont sħiħ għall-użu ta' forza letali u li teżerċita l-livell meħtieġ ta' ġudizzju, li l-magni ma jistax ikollhom, peress li dan il-ġudizzju jrid ikun ibbażat fuq id-distinzjoni, il-proporzjonalità u l-prekawzjoni, fit-teħid ta' azzjoni distruttiva letali jew fuq skala kbira permezz ta' tali sistemi; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti oqfsa ċari u traċċabbli ta' awtorizzazzjoni u ta' obbligu ta' rendikont għall-użu ta' armi intelliġenti u ta' sistemi oħra mħaddma bl-IA, bl-użu ta' karatteristiċi uniċi tal-utent bħall-ispeċifikazzjonijiet bijometriċi li jippermettu l-użu esklużivament minn persunal awtorizzat;

## Trasport

103. Jenfasizza l-potenzjal tal-użu tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati għall-mezzi awtonomi kollha tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru, u wkoll biex tingħata spinta lill-bidla fid-direzzjoni modali u lill-intermodalità, peress li dawn it-teknoloġiji jistgħu jikkontribwixxu biex tinstab it-taħlita ottimali tal-modi ta' trasport għat-trasport ta' oġġetti u passiġġieri; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-potenzjal tagħhom li jagħmlu t-trasport, il-loġistika u l-flussi tat-traffiku aktar effiċjenti u jagħmlu l-modi kollha tat-trasport aktar sikuri, aktar intelliġenti, u aktar ekoloġiċi; jirrimarka li approċċ etiku għall-IA jista' jitqies ukoll bħala sistema ta' twissija bikrija, b'mod partikolari fir-rigward tas-sikurezza u l-effiċjenza tat-trasport;

104. Jenfasizza l-fatt li l-kompetizzjoni globali bejn il-kumpaniji u r-reġjuni ekonomiċi jfisser li l-Unjoni teħtieġ li tippromwovi l-investimenti u ssaħħaħ il-kompetittività internazzjonali tal-kumpaniji li joperaw fis-settur tat-trasport billi toħloq ambjent favorevoli għall-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA u innovazzjonijiet ulterjuri, li fih l-intrapriżi bbażati fl-Unjoni jkunu jistgħu jsiru mexxejja dinjija fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-IA;

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

105. Jisħaq li s-settur tat-trasport tal-Unjoni jeħtieġ aġġornament tal-qafas regolatorju rigward tali teknoloġiji emerġenti u l-użu ta' tagħhom fis-settur tat-trasport u jeħtieġ qafas etiku ċar għall-kisba ta' IA affidabbli, inkluż is-sikurezza, is-sigurtà, ir-rispett għall-awtonomija tal-bniedem, l-aspetti ta' sorveljanza u ta' responsabbiltà, li jżidu l-benefiċċji li huma kondiviżi minn kulħadd u li jkunu essenzjali biex tingħata spinta lill-investiment fir-riċerka u fl-innovazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-adozzjoni tal-IA mis-servizzi pubbliċi, l-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji u fl-istess ħin jiżgura l-protezzjoni tad-data kif ukoll l-interoperabbiltà, mingħajr ma jimponi piż amministrattiv bla bżonn fuq in-negozji u l-konsumaturi;

106. Jinnota li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-IA fis-settur tat-trasport mhux se jkunu possibbli mingħajr infrastruttura moderna, li hija parti essenzjali mis-sistemi intelliġenti tat-trasport; jisħaq li d-diverġenzi persistenti fil-livell ta' żvilupp bejn l-Istati Membri jgħolqu r-riskju li r-reġjuni l-anqas żviluppata u l-abitanti ta' tagħhom jiġu mċaħħda mill-benefiċċji li jiġb miegħu l-iżvilupp tal-mobbiltà awtonoma; jitlob li l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport fl-Unjoni, inkluża l-integrazzjoni ta' tagħha fin-network 5G, tkun iffinanzjata b'mod adegwat;

107. Jirrakkomanda l-iżvilupp ta' standards tal-IA affidabbli fl-Unjoni kollha għal kull mod ta' trasport, inkluża l-industrija tal-karozzi, kif ukoll għall-ittestjar ta' vetturi li joperaw permezz tal-IA u ta' prodotti u servizzi relatati;

108. Jinnota li s-sistemi tal-IA jistgħu jgħinu biex inaqqsu l-għadd ta' mwiet fit-toroq b'mod sinifikanti, pereżempju permezz ta' ħinijiet ta' reazzjoni aħjar u konformità aħjar mar-regoli; iqis, madankollu, li se jkun impossibbli li l-użu ta' vetturi awtonomi jirriżulta fl-eliminazzjoni tal-inċidenti kollha u jissottolinja li dan iwassal biex l-ispjegabbiltà tad-deċiżjonijiet tal-IA ssir dejjem aktar importanti sabiex jiġu ġġustifikati n-nuqqasijiet u l-konsegwenzi mhux intenzjonati tad-deċiżjonijiet tal-IA;

***Impjiegi, drittijiet tal-ħaddiema, ħiliet diġitali u l-post tax-xogħol***

109. Jinnota li l-applikazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati fuq il-post tax-xogħol tista' tikkontribwixxi għal swieq tax-xogħol inklużivi u tħalli impatt fuq is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, filwaqt li tista' tintuża wkoll biex tissorvelja, tevalwa, tbassar u tiggwida l-prestazzjoni tal-ħaddiema b'konsegwenzi diretti u indiretti fuq il-karriera ta' tagħhom; billi l-IA għandu jkollha impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tkun iggwidata mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll għad-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni; billi l-IA għandha tkun iċċentrata fuq il-bniedem, ittejjeb il-benesseri tan-nies u tas-soċjetà u tikkontribwixxi għal tranżizzjoni ekwa u ġusta; dawn it-teknoloġiji għandu għalhekk ikollhom impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jkunu iggwidata mir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll mid-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni;

110. Jenfasizza l-ħtieġa tal-iżvilupp tal-kompetenzi permezz tat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-ħaddiema u r-rappreżentanti ta' tagħhom fir-rigward tal-IA fuq il-post tax-xogħol biex jifhmu aħjar l-implikazzjonijiet tas-soluzzjonijiet tal-IA; jisħaq li l-applikanti u l-ħaddiema għandhom jiġu infurmati kif xieraq bil-miktub meta l-IA tintuża waqt il-proċeduri ta' reklutaġġ u l-deċiżjonijiet oħra dwar ir-riżorsi umani u kif f'dan il-każ jista' jintalab li jsir rieżami minn bniedem sabiex deċiżjoni awtomatizzata tkun tista' tinqaleb;

111. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-gwadann tal-produttività minħabba l-iżvilupp u l-użu tal-IA u tar-robotika ma jkunx biss ta' benefiċċju għas-sidien tal-kumpaniji u l-azzjonisti, iżda jibbenefikaw minnu ukoll il-kumpaniji u l-forza tax-xogħol, permezz ta' kundizzjonijiet aħjar ta' xogħol u ta' impjeg, u jservi wkoll lis-soċjetà iġenerali, speċjalment fejn tali gwadann isir għad-detriment tal-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jistudjaw bir-reqqa l-impatt potenzjali tal-IA fuq is-suq tax-xogħol u s-sistemi tas-sigurtà soċjali u jiżviluppaw strateġiji dwar kif tiġi żgurata l-istabbiltà fit-tul permezz tar-riforma tat-taxxi u l-kontribuzzjonijiet kif ukoll miżuri oħra fil-każ ta' dħul pubbliku iżgħar;

112. Jissottolinja l-importanza tal-investiment korporattiv fit-taħriġ formali u informali u fit-tagħlim tul il-ħajja sabiex jappoġġja t-tranżizzjoni ġusta lejn l-ekonomija diġitali; jisħaq, f'dan il-kuntest, li l-kumpaniji li jintroduċu l-IA għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet adegwati għall-impjegati kollha kkonċernati, sabiex ikunu jistgħu jittgħallmu kif jużaw l-għodod diġitali u jaħdmu b'co-bots u teknoloġiji ġodda oħra, u b'hekk jadattaw għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol u jibqgħu fl-impjeg;

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

113. Iqis li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil forom ġodda ta' xogħol, bħal xogħol ta' gigs u ta' pjattaformi, li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' teknoloġiji ġodda f'dan il-kuntest; jisħaq li r-regolazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-telexogħol madwar l-Unjoni u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg deċenti fl-ekonomija diġitali jridu bl-istess mod iqisu l-impatt tal-IA; jistieden lill-Kummissjoni tikkonsulta mas-sħab soċjali, l-iżviluppaturi tal-IA, ir-riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra f'dan ir-rigward;

114. Jissottolinja li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati bl-ebda mod ma jridu jaffettwaw l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrasjkjar jew li tittieħed azzjoni oħra koperta bis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, skont id-dritt u/jew il-prattika nazzjonali, jew jaffettwaw id-dritt tan-negozjar, ta' konklużjoni u ta' infurzar ta' ftehimiet kollettivi, jew tat-teħid ta' azzjoni kollettiva skont id-dritt u/jew il-prattika nazzjonali;

115. Itenni l-importanza tal-edukazzjoni u t-tagħlim kontinwu biex jiġu żviluppatti l-kwalifiki meħtieġa fl-era diġitali u biex tiġi indirizzata l-esklużjoni diġitali; jistieden lill-Istati Membri jinvestu f'edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u sistemi ta' tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja, reattivi u inklużivi kif ukoll f'politiki ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema f'setturi li huma potenzjalment affettwati serjament mill-IA; jenfasizza l-ħtieġa li l-forza tax-xogħol attwali u futura tiġi pprovduta l-ħiliet tal-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħiliet diġitali meħtieġa kif ukoll il-kompetenzi fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-ħiliet personali trasversali, bħall-ħsieb kritiku, il-kreattività u l-intraprenditorija; jissottolinja li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-inklużjoni tal-gruppi żvantaġġati f'dan ir-rigward;

116. Ifakkar li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati użati fuq il-post tax-xogħol iridu jkunu aċċessibbli għal kulħadd, abbażi tal-prinċipju tad-disinn għal kulħadd;

### **Edukazzjoni u kultura**

117. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppatti kriterji għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-IA filwaqt li jiġi kkunsidrat l-impatt tagħhom fuq is-setturi tal-edukazzjoni, il-midja, iż-żgħażaġh, ir-riċerka, l-isport u dawk kulturali u kreattivi, billi jiġu żviluppatti u parametri referenzjarji għal prinċipji ta' użi etikament responsabbli u aċċettati tat-teknoloġiji tal-IA li jistgħu jiġu applikati b'mod xieraq f'dawn l-oqsma u jiġu definiti prinċipji għalihom, inkluż reġim ċar ta' responsabbiltà għall-prodotti li jirriżultaw mill-użu tal-IA;

118. Jinnota li kull tifel u tifla jgawdu mid-dritt għal edukazzjoni pubblika ta' kwalità fil-livelli kollha; jappella, għalhekk, għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi tal-IA ta' kwalità li jiffaċilitaw u jipprovdu għodod edukattivi ta' kwalità għal kulħadd fil-livelli kollha u jisħaq li l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda tal-IA fl-iskejjel m'għandhiex twassal għall-ħolqien ta' distakk diġitali usa' fis-soċjetà; jirrikonoxxi l-kontribut potenzjali enormi li l-IA u r-robotika jistgħu jagħtu għall-edukazzjoni; jinnota li s-sistemi ta' tagħlim personalizzati tal-IA m'għandhomx jissostitwixxu r-relazzjonijiet edukattivi li jinvolvu l-għalliema u li l-forom tradizzjonali tal-edukazzjoni m'għandhomx jitħallew jibqgħu lura, filwaqt li fl-istess ħin jirrimarka li l-appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u edukattiv, inkluż it-taħriġ speċjalizzat fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni jridu jiġu pprovduti lill-għalliema li jfittxu li jiksbu ħiliet xierqa sabiex jadattaw għall-bidliet teknoloġiċi u mhux biss jisfruttaw il-potenzjal tal-IA iżda wkoll jifhmu l-limitazzjonijiet tagħha; jitlob li tiġi żviluppata strateġija fil-livell tal-Unjoni sabiex tgħin fit-trasformazzjoni u l-aġġornament tas-sistemi edukattivi tagħna, tħejji l-istituzzjonijiet edukattivi tagħna fil-livelli kollha u tgħammar lill-għalliema u lill-istudenti bil-ħiliet u l-kapaċitajiet meħtieġa;

119. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet edukattivi għandhom jaraw li jużaw is-sistemi tal-IA għal skopijiet edukattivi li jkunu rċewew ċertifikat Ewropew ta' konformità etika;

120. Jenfasizza li l-opportunitajiet iprovduti mid-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda ma jridux iwasslu għal telf globali ta' impjegi fis-setturi kulturali u kreattivi, għal traskuraġni fir-rigward tal-konservazzjoni tax-xogħlijiet oriġinali u għal tnaqqis fl-aċċess tradizzjonali għall-wirt kulturali, li għandhom jitħeġġu bl-istess mod; jinnota li s-sistemi tal-IA żviluppatti, introdotti u użati fl-Unjoni għandhom jirriflettu d-diversità kulturali tagħha u l-multilingwiżmu tagħha;

121. Jirrikonoxxi l-potenzjal dejjem akbar tal-IA fl-oqsma tal-informazzjoni, il-midja u l-pjattaformi online, inkluż bħala għodda fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni skont id-dritt tal-Unjoni; jissottolinja li, jekk ma tkunx regolata, jista' jkollha wkoll effetti etikament negattivi billi tisfrutta l-preġudizzju fid-data u l-algoritmi li jistgħu jwasslu għat-tixrid ta'

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

diżinformazzjoni u għall-ħolqien ta' bżieżaq tal-informazzjoni; jisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont tal-algoritmi użati mill-pjattaformi ta' video-sharing (VSP) kif ukoll il-pjattaformi tal-istreaming, sabiex jiġi żgurat aċċess għal kontenut b'diversità kulturali u lingwistika;

**Awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali**

122. Jinnota l-valur miżjud li jinħatru awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali nominati f'kull Stat Membru responsabbli għall-iżgurar, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi legali u l-prinċipji etiċi għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli, u b'hekk jikkontribwixxu għall-konformità legali u etika ta' dawn it-teknoloġiji;

123. Jemmen li dawn l-awtoritajiet jeħtiġilhom ikunu rikjesti, mingħajr ma jidduplikaw il-kompiti tagħhom, jikkooperaw mal-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali sabiex jidentifikaw teknoloġiji li huma ta' riskju għoli minn perspettiva etika u sabiex jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa u xierqa fejn dawn it-teknoloġiji jiġu identifikati;

124. Jindika li tali awtoritajiet għandhom jikkooperaw mhux biss bejniethom iżda wkoll mal-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni sabiex tiġi ggarantita azzjoni transfruntiera koerenti;

125. Jissuġġerixxi li, fil-kuntest ta' tali kooperazzjoni, jiġu żviluppati kriterji komuni u proċess ta' applikazzjoni għall-għoti ta' ċertifikat Ewropew ta' konformità etika, inkluż wara talba minn kwalunkwe żviluppatur, fornitur jew utent ta' teknoloġiji li mhumiex ikkunsidrati bħala ta' riskju għoli li jfittex li jiċċertifika l-valutazzjoni pożittiva tal-konformità mwettqa mill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rispettiva;

126. Jitlob li awtoritajiet bħal dawn jiġu inkarigati li jipromwovu skambji regolari mas-soċjetà ċivili u l-innovazzjoni fl-Unjoni billi jipprovdu assistenza lir-riċerkaturi, lill-iżviluppaturi u lil partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif ukoll lil kumpaniji inqas maturi diġitalment, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew in-negozji l-ġodda; b'mod partikolari rigward is-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp, l-introduzzjoni, it-taħriġ u l-akkwist tat-talent biex jiġi żgurat trasferiment effiċjenti tat-teknoloġija u aċċess għat-teknoloġiji, il-proġetti, ir-riżultati u n-networks;

127. Jitlob finanzjament suffiċjenti minn kull Stat Membru tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali nominati tagħhom u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq jissaħħu f'termini ta' kapaċità, hiliel u kompetenzi, kif ukoll għal għarfien dwar ir-riskji speċifiċi tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;

**Koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni**

128. Jissottolinja l-importanza tal-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni kif imwettqa mill-Kummissjoni u/jew minn kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jiġu nominati f'dan il-kuntest, sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni, u l-importanza li jiġi żgurat approċċ armonizzat fl-Unjoni kollha; iqis li l-koordinazzjoni għandha tiffoka fuq il-mandati u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali f'kull Stat Membru kif imsemmi fis-subtaqsima preċedenti, kif ukoll fuq il-kondiviżjoni tal-aħjar Prattiki fost dawk l-awtoritajiet u l-kontribut għall-kooperazzjoni fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam fl-Unjoni kollha; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta u ssib l-aktar soluzzjoni xierqa sabiex tistruttura din il-koordinazzjoni; eżempji ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji eżistenti rilevanti tal-Unjoni huma l-ENISA, il-KEPD u l-Ombudsman Ewropew;

129. Jemmen li tali koordinazzjoni, kif ukoll ċertifikazzjoni Ewropea ta' konformità etika, mhux biss ikunu ta' benefiċċju għall-iżvilupp tal-industrija u l-innovazzjoni tal-Unjoni f'dak il-kuntest, iżda jżidu wkoll is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini fir-rigward tal-opportunitajiet u r-riskji inerenti għal dawn it-teknoloġiji;

130. Jissuġġerixxi li jinholqo ċentru ta' għarfien espert, li jgħib flimkien id-dinja akkademika, ir-riċerka, l-industrija u esperti individwali fil-livell tal-Unjoni, biex irawwem l-iskambju ta' għarfien u għarfien espert tekniku, u biex jiffaċilita l-kollaborazzjoni fl-Unjoni kollha u lil hinn minnha; jitlob ukoll li dan iċ-ċentru ta' għarfien espert jinvolvi lill-organizzazzjonijiet ta' partijiet ikkonċernati, bħal organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, sabiex tiġi żgurata

rappreżentazzjoni wiesgħa tal-konsumatur; iqis li minħabba l-impatt sproporzjonat possibbli ta' sistemi algoritmiċi fuq in-nisa u l-minoranzi, il-livelli ta' deċiżjoni ta' tali struttura għandhom ikunu varjati u jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżviluppaw strateġiji ta' ġestjoni tar-riskju għall-IA fil-kuntest tal-istrateġiji nazzjonali tagħhom għas-sorveljanza tas-suq;

131. Jipproponi li l-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jiġu nnominati f'dan il-kuntest jipprovdu kwalunkwe assistenza meħtieġa lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali dwar ir-rwol tagħhom bħala l-ewwel punti ta' kuntatt f'każijiet ta' suspett ta' ksur tal-obbligi legali u l-prinċipji etiċi stabbiliti fil-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-IA, inkluż il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni; għandhom jipprovdu wkoll kwalunkwe assistenza meħtieġa lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali f'każijiet fejn dawn tal-aħħar iwettqu valutazzjonijiet ta' konformità bil-ħsieb li jappoġġjaw id-dritt taċ-ċittadini li jikkontestaw u jirrimedjaw, jiġifieri billi jappoġġjaw, fejn applikabbli, il-konsultazzjoni ta' awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni, b'mod partikolari n-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-korpi nazzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali li jinsabu fi Stati Membri oħra;

132. Jirrikonoxxi r-risultat siewi tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, li jinkludi rappreżentanti mill-akkademja, mis-soċjetà ċivili u mill-industrija, kif ukoll l-Alleanza Ewropea għall-IA, b'mod partikolari "Il-Linji Gwida dwar l-Etika għall-Intelliġenza Artifiċjali Affidabbli", u jissuġġerixxi li jista' jipprovdi kompetenza lill-Kummissjoni u/jew lil kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest;

133. Jinnota l-inklużjoni ta' proġetti relatati mal-IA fl-ambitu tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP); jemmen li l-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) futur u l-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) jistgħu joffru wkoll oqfsa adattati tajjeb għal proġetti futuri relatati mal-IA li jistgħu jgħinu biex jissimplifikaw aktar l-isforzi tal-Unjoni f'dan il-qasam, u jippromwovu fl-istess ħin l-oġettiv tal-Unjoni li ssaħħa id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt internazzjonali, u s-soluzzjonijiet multilaterali; jisħaq li l-proġetti relatati mal-IA għandhom jiġu sinkronizzati mal-programmi ċivili usa' tal-Unjoni ddedikati għall-IA; jinnota li, f'konformità mal-White Paper tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Frar 2020 dwar iċ-ċentri ta' eċċellenza u ta' ttestjar tal-IA, li jikkonċentraw fuq ir-riċerka u l-iżvilupp tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, għandhom jiġu stabbiliti bi speċifikazzjonijiet rigorużi li jirfdu l-parteċipazzjoni ta' partijiet ikkonċernati privati u l-investment min-naħa ta' dawn tal-aħħar;

134. Jieħu nota tal-White Paper tal-Kummissjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali tad-19 ta' Frar 2020 u jiddispijaċi li l-aspetti militari ma tqisux; jistieden lill-Kummissjoni u lir-RGħ/VP jippreżentaw, anke bħala parti minn approċċ ġenerali, strateġija settorjali tal-IA għall-attivitajiet relatati mad-difiża fil-qafas tal-Unjoni, li tiżgura kemm ir-rispett tad-drittijiet taċ-ċittadini kif ukoll l-interessi strateġiċi tal-Unjoni, u li tkun ibbażata fuq approċċ konsistenti li jibda mis-sistemi mħaddma bl-IA sal-użi militari tagħhom, u li tistabbilixxi Grupp ta' Ħidma dwar is-sigurtà u d-difiża fil-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li għandu jindirizza b'mod speċifiku kwistjonijiet ta' politika u ta' investment, kif ukoll aspetti etiċi tal-IA fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-VP/RGħ biex jidħlu fi djalogo strutturat mal-Parlament għal dak il-għan;

### ***Ċertifikazzjoni ta' konformità etika Ewropea***

135. Jissuġġerixxi li jiġu żviluppati kriterji komuni u proċess ta' applikazzjoni relatati mal-għoti ta' ċertifikat Ewropew ta' konformità etika fil-kuntest tal-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, inkluż wara talba minn kwalunkwe żviluppatur, dak li jintroduċihom jew utent ta' teknoloġiji li ma jitqisux bħala ta' riskju għoli li jkun jixtieq jiċċertifika l-valutazzjoni pożittiva tal-konformità mwettqa mill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rispettiva;

136. Jemmen li ċertifikat Ewropew ta' konformità etika bħal dan għandu jrawwem l-etika permezz tad-disinn tul il-katina kollha tal-provvista ta' ekosistemi ta' intelliġenza artifiċjali; jissuġġerixxi, għalhekk, li din iċ-ċertifikazzjoni tista' tkun, fil-każ ta' teknoloġiji ta' riskju għoli, prerekwiżit obligatorju għall-eliġibbiltà għal proċeduri ta' akkwist pubbliku dwar l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;

### ***Kooperazzjoni internazzjonali***

137. Huwa tal-fehma li kooperazzjoni transfruntiera effettiva u standards etiċi jistgħu jinkisbu biss jekk il-partijiet ikkonċernati kollha jimpenjaw ruħhom li jiżguraw l-azzjoni u s-sorveljanza mill-bniedem, ir-robustezza teknika u s-sikurezza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, id-diversità, in-nondiskriminazzjoni u l-ġustizzja, il-benesseri soċjetali u ambjentali u jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti tal-privatezza, tal-governanza tad-data u tal-protezzjoni tad-data, speċifikament dawk minnuxa fir-Regolament (UE) 2016/679;

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

138. Jisħaq li l-obbligi legali u l-prinċipji etiċi tal-Unjoni għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji jistgħu jagħmlu lill-Ewropa mexxejja dinjija fis-settur tal-intelliġenza artifiċjali u għalhekk għandhom jiġu promossi madwar id-dinja billi jkun hemm kooperazzjoni mas-sħab internazzjonali filwaqt li jitkompla d-djalogu kritiku u bbażat fuq l-etika ma' pajjiżi terzi li jkollhom mudelli alternattivi ta' regolamentazzjoni, ta' żvilupp u ta' użu tal-intelliġenza artifiċjali;

139. Ifakkar li l-opportunitajiet u r-riskji inerenti għal dawn it-teknoloġiji għandhom dimensjoni globali, peress li s-software u d-data li huma jużaw jiġu ta' spiss importati u esportati barra mill-Unjoni, u għalhekk hemm bżonn ta' approċċ ta' kooperazzjoni konsistenti fil-livell internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-inizjattiva biex tivvaluta liema trattati u ftehimiet bilaterali u multilaterali għandhom jiġu aġġustati biex jiġi żgurat approċċ konsistenti u jiġi globalment promoss il-mudell Ewropew ta' konformità etika;

140. Jiġbed l-attenzjoni għall-valur miżjud tal-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni kif imsemmi hawn fuq f'dan il-kuntest ukoll;

141. Jitlob li jiġu stabbiliti sinerġiji u networks bejn id-diversi ċentri ta' riċerka Ewropej dwar l-IA, kif ukoll fora multilaterali oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO), l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), sabiex l-isforzi tagħhom jiġu allinjati u biex jiġi kkoordinat aħjar l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati;

142. Jissottolinja li l-Unjoni jeħtiġilha tkun minn ta' quddiem fl-appoġġ ta' sforzi multilaterali biex jiġi diskuss, fil-qafas tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tas-CCW tan-NU u fora rilevanti oħra, qafas regolatorju internazzjonali effettiv li jiżgura kontroll uman sinifikattiv fuq is-sistemi ta' armi awtonomi sabiex daww it-teknoloġiji jiġu kkontrollati billi jiġu stabbiliti proċessi ddefiniti tajjeb, ibbażati fuq parametri referenzjarji, u tiġi adottata leġislazzjoni għall-użu etiku tagħhom, b'konsultazzjoni ma' partijiet ikkonċernati bħal daww tal-militar, tal-industrija, tal-infurzar tal-liġi, tal-akkademja u tas-soċjetà ċivili, biex ikun hemm fehim tal-aspetti etiċi relatati u biex jiġu mmitigati r-riskji inerenti ta' tali teknoloġiji u jiġi evitat l-użu għal skopijiet malizzjużi;

143. Jirrikonoxxi r-rwol tan-NATO fil-promozzjoni tas-sigurtà Ewro-Atlantika u jappella għal kooperazzjoni fin-NATO għall-istabbiliment ta' standards komuni u interoperabbiltà tas-sistemi tal-IA fid-difiża; jisħaq li r-relazzjoni transatlantika hija importanti għall-preservazzjoni tal-valuri kondiviżi u fil-ġlieda kontra t-theddid futur u emerġenti;

144. Jisħaq fuq l-importanza tal-ħolqien ta' kodiċi ta' kondotta etiku li jirfed l-użu ta' sistemi li jużaw l-armi mħaddma bl-IA f'operazzjonijiet militari, simili għall-qafas regolatorju eżistenti li jipprojbixxi l-użu ta' armi kimiċi u bijoloġiċi; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tagħti bidu għall-ħolqien ta' standards dwar l-użu ta' sistemi tal-armi mħaddma bl-IA fil-gwerer skont id-dritt umanitarju internazzjonali, u li l-Unjoni għandha tirsisti fuq l-adozzjoni internazzjonali ta' standards bħal dawn; iqis li l-Unjoni għandha tinvolvi ruħha fid-diplomazija tal-IA f'fora internazzjonali ma' sħab tal-istess fehma bħall-G7, il-G20 u l-OECD;

**Aspetti finali**

145. Jikkonkludi, wara r-riflessjonijiet ta' hawn fuq dwar aspetti relatati mad-dimensjoni etika tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, li d-dimensjonijiet legali u etiċi għandhom ikunu minqax f'qafas regolatorju effettiv, li jħares 'il quddiem u komprensiv fil-livell tal-Unjoni, appoġġjat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, ikkoordinat u msaħħaħ mill-Kummissjoni u/jew minn kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest, b'mod regolari bl-appoġġ taċ-ċentru ta' kompetenza msemmi hawn fuq u debitament irrissettat u ċċertifikat fis-suq intern;

146. Skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposta għal Regolament dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, l-introduzzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fuq il-bażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u bbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet dettaljati stabbiliti fl-anness għal dan ir-rapport; jirrimarka li l-proposta m'għandhiex iddghajef il-leġislazzjoni speċifika għas-settur iżda għandha tkopri biss lakuni identifikati;

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

147. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea, wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, tirrevedi, jekk ikun meħtieġ, il-liġi tal-Unjoni eżistenti applikabbli għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati sabiex tiġi indirizzata l-ħeffa tal-iżvilupp tagħhom f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-anness għal dan ir-rapport, billi tevita r-regolamentazzjoni żejda, inkluż għall-SMEs;

148. Jemmen li valutazzjoni u rieżami perjodiċi, fejn meħtieġ, tal-qafas regolatorju tal-Unjoni relatat mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati se jkunu essenzjali biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni applikabbli tkun aġġornata bil-pass mgħaġġel tal-progress teknoloġiku;

149. Iqis li l-proposta leġiżlattiva mitluba jkollha implikazzjonijiet finanzjarji jekk jiġi pprovdut xi korp Ewropew fejn inkarigat bil-funzjonijiet ta' koordinazzjoni msemmija hawn fuq u l-mezzi tekniċi u r-riżorsi umani meħtieġa biex iwettaq il-kompiti attribwiti għodda tiegħu;

o

o o

150. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

\_\_\_\_\_

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

## ANNESS GĦAL RIŻOLUZZJONI:

### RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

#### A. PRINĊIPIJI U OBIETTIVI TAL-PROPOSTA MITLUBA

##### I. Il-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-proposta huma:

- li tinbena fiduċja fil-livelli kollha tal-partijiet ikkonċernati involuti u tas-soċjetà fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, speċjalment meta dawn jitqiesu li huma ta' riskju għoli;
- li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni, inkluż billi jiġu meġhuna n-negozji, in-negozji ġodda u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bejx jivvalutaw u jindirizzaw b'ċertezza r-rekwiżiti u r-riskji regolatorji attwali u futuri matul il-proċess ta' innovazzjoni u ta' żvilupp tan-negozju, u, matul il-fażi sussegwenti tal-użu minn professjonisti u individwi privati, billi jitnaqqsu l-piżijiet u l-burokrazija;
- li jiġi appoġġjat il-varar tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni billi jiġi pprovdut il-qafas regolatorju xieraq u proporzjonat li għandu japplika mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti jew futura, bil-għan li tiġi mħeġġa ċ-ċertezza regolatorja u l-innovazzjoni filwaqt li jiġu ggarantiti d-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tal-konsumatur;
- li jiġi appoġġjat l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fl-Unjoni billi jiġi żgurat li dawn jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jkun konformi mal-prinċipji etiċi;
- li jkunu meħtieġa trasparenza u flussi ta' informazzjoni aħjar fost iċ-ċittadini u fl-organizzazzjonijiet li jiżviluppaw, ivaraw jew jużaw l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati bħala mezz bejx jiġi żgurat li dawn it-teknoloġiji, jkunu konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-drittijiet u l-valuri fundamentali u mal-prinċipji etiċi tal-proposta għal Regolament mitluba.

##### II. Il-proposta tikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

- "Regolament dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati";
- ir-rwol ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni mill-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċji u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest u ċertifikazzjoni Ewropea tal-konformità etika;
- ir-rwol ta' appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea;
- ir-rwol tal-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru bejx jiġi żgurat li l-prinċipji etiċi jiġu applikati għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;
- l-involvement u l-konsultazzjoni ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp rilevanti u tal-partijiet ikkonċernati, inklużi n-negozji ġodda, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, in-negozji, is-sħab soċjali u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivika, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ lilhom;
- anness li jstabbilixxi lista eżawrjenti u kumulattiva ta' setturi ta' riskju għoli u użi u għanijiet ta' riskju għoli;

##### III. Ir-"Regolament dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati" jibbaża fuq il-prinċipji li ġejjin:

- l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ċċentri fuq il-bniedem, magħmula mill-bniedem u kkontrollati mill-bniedem;
- il-valutazzjoni tal-konformità obligatorja tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ta' riskju għoli;



It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

- is-sikurezza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont;
  - is-salvagwardji u r-rimedji kontra l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni;
  - id-dritt għal rimedju;
  - ir-responsabbiltà soċjali u l-bilanċ bejn il-ġeneri fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati;
  - l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati li jkunu ambjentalment sostenibbli;
  - ir-rispett għall-privatezza u l-limitazzjonijiet fl-użu tar-rikonossiment bijometriku;
  - il-governanza tajba relatata mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluża d-data użata jew prodotta minn tali teknoloġiji.
- IV. Għall-finijiet ta' koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest għandhom iwettqu l-kompiti ewlenin li ġejjin:
- jikkooperaw fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta għal Regolament mitluba u tal-liġi settorjali rilevanti tal-Unjoni;
  - jikkooperaw rigward il-ħruġ ta' gwida dwar l-applikazzjoni konsistenti tal-proposta għal Regolament mitluba, jiġifieri l-applikazzjoni tal-kriterji għal intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju għoli u tal-lista ta' setturi ta' riskju għoli u użi u skopijiet ta' riskju għoli stabbiliti fl-anness għar-Regolament;
  - jikkooperaw mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru dwar l-iżvilupp ta' ċertifikat Ewropew ta' konformità mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali kif stabbiliti fil-proposta għal Regolament mitluba u fid-dritt rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll l-iżvilupp ta' proċess ta' applikazzjoni għal kull żviluppatur, fornitur jew utent ta' teknoloġiji li mhumiex meqjusa bħala ta' riskju għoli li jkun qed ifittex li jiċċertifika l-konformità tagħhom mal-proposta għal Regolament mitluba;
  - jikkooperaw fir-rigward tal-appoġġ għall-kooperazzjoni transsettorjali u transfruntiera permezz ta' skambji regolari mal-partijiet ikkonċernati u s-soċjetà ċivili, fl-UE u fid-dinja, b'mod partikolari man-negozji, is-sħab soċjali, ir-riċerkaturi u l-awtoritajiet kompetenti, inkluż fir-rigward tal-iżvilupp ta' standards tekniċi fil-livell internazzjonali;
  - jikkooperaw mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru fir-rigward tal-istabbiliment ta' linji gwida vinkolanti dwar il-metodoloġija li għandha tiġi segwita għall-valutazzjoni tal-konformità li għandha titwettaq minn kull "Awtorità ta' Sorveljanza";
  - jikkooperaw rigward il-kuntatt mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru u l-koordinazzjoni l-mandat u l-kompiti tagħhom;
  - jikkooperaw fis-sensibilizzazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni u l-involvement tagħhom fi skambji ma' żviluppaturi, fornituri u utenti fl-Unjoni kollha;
  - jikkooperaw fis-sensibilizzazzjoni, l-għoti ta' informazzjoni, il-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali, it-taħriġ u l-ħiliet u l-involvement tagħhom fi skambji ma' disinjaturi, żviluppaturi, fornituri, ċittadini, utenti u korpi istituzzjonali madwar l-Unjoni u internazzjonalment;
  - jikkooperaw rigward il-koordinazzjoni ta' qafas komuni għall-governanza tal-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati li għandhom jiġu implimentati mill-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru;
  - jikkooperaw biex iservu bħala ċentru għall-għarfien espert billi jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' fehim komuni fis-Suq Uniku;
  - jikkooperaw fir-rigward tal-ospitar ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà u d-Difiża.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

V. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha twettaq il-kompiti li ġejjin:

- tfassal u sussegwentement taġġorna, permezz ta' atti delegati, lista komuni ta' teknoloġiji ta' riskju għoli identifikati fl-Unjoni b'kooperazzjoni mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru;
- taġġorna, permezz ta' atti delegati, il-lista prevista fl-Anness għar-Regolament.

VI. L-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru għandha twettaq il-kompiti ewlenin li ġejjin:

- tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti tal-qafas regolatorju stabbilit fil-proposta għal Regolament mitlub f'kooperazzjoni mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" fl-Istati Membri l-oħra, kif ukoll ma' awtoritajiet oħra responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali, il-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jiġu nnominati f'dan il-kuntest, jiġifieri fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju previsti fil-proposta għal Regolament mitlub u tal-lista ta' setturi ta' riskju għoli u ta' użi jew skopijiet ta' riskju għoli stabbiliti fl-anness għalih, u s-superviżjoni sussegwenti tal-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa u xierqa fejn teknoloġiji ta' riskju għoli jiġu identifikati bħala riżultat ta' tali applikazzjoni;
- tivvaluta jekk l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn dawn it-teknoloġiji, żviluppata, varati u użati fl-Unjoni għandhomx jitqiesu bħala teknoloġiji ta' riskju għoli f'konformità mal-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju previsti fil-proposta għal Regolament mitlub u fil-lista stabbilita fl-anness għalih;
- toħroġ ċertifikat Ewropew ta' konformità mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali kif stabbiliti fil-proposta għar-Regolament mitlub u d-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluż meta dan jirriżulta minn proċess ta' applikazzjoni għal kwalunkwe żviluppatur, fornitur jew utent ta' teknoloġiji li mhumx meqjusa bħala ta' riskju għoli sabiex jiċċertifika l-konformità tagħhom mal-proposta għal Regolament mitlub, kif żviluppata mill-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest;
- tivvaluta u timmonitorja l-konformità tagħhom mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali kif stabbiliti fil-proposta għal Regolament mitlub u d-dritt rilevanti tal-Unjoni;
- tkun responsabbli għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' standards għall-governanza tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluż billi tikkoordina u torganizza djalogu regolari mal-partijiet ikkonċernati kollha u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili; għal dak il-għan, tikkooopera mal-Kummissjoni u/jew ma' kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest fir-rigward tal-koordinazzjoni ta' qafas komuni fil-livell tal-Unjoni;
- tqajjem kuxjenza, tagħti informazzjoni dwar l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati lill-pubbliku, u tappoġġja t-taħriġ ta' professjonijiet rilevanti, inkluż fil-ġudikatura, biex b'hekk iċ-ċittadini u l-ħaddiema jingħataw il-litteriżmu, il-ħiliet u l-għodod diġitali meħtieġa għal tranżizzjoni ġusta;
- isservi bħala l-ewwel punt ta' kuntatt f'każijiet ta' suspett ta' ksur tal-obbligi legali u l-prinċipji etiċi stabbiliti fil-proposta għal Regolament mitlub u twettaq valutazzjoni tal-konformità f'każijiet bħal dawn; fil-kuntest ta' din il-valutazzjoni tal-konformità, hija tista' tikkonsulta u/jew tinforma lil awtoritajiet kompetenti oħra fl-Unjoni, b'mod partikolari n-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-korpi nazzjonali għall-protezzjoni tal-konsumatur, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-šhab soċjali.

VII. Ir-rwol ewlieni tal-partijiet ikkonċernati għandu jkun li jinvolvu ruħhom mal-Kummissjoni u ma' kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest u mal-"Awtorità ta' Sorveljanza" f'kull Stat Membru.

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

**B. TEST TAL-PROPOSTA LEĠIŻLATTIVA MITLUBA**

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ix-xewqa li jservu lis-soċjetà. Tali teknoloġiji jistgħu jinvolvu opportunitajiet u riskji, li jenħtieġ li jiġu indirizzati u regolati minn qafas regolatorju komprensiv fil-livell tal-Unjoni, li jirrifletti prinċipji etiċi, li għandhom jiġu mħarsa mill-mument tal-iżvilupp u l-varar ta' tali teknoloġiji sal-użu tagħhom.
- (2) Il-konformità ma' tali qafas regolatorju rigward l-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji fl-Unjoni jenħtieġ li jkunu ta' livell li huwa ekwivalenti fl-Istati Membri kollha, sabiex jinħatfu l-opportunitajiet b'mod effiċjenti u jiġu indirizzati r-riskji ta' teknoloġiji bħal dawn b'mod konsistenti, kif ukoll biex tiġi evitata l-frammentazzjoni regolatorja. Jenħtieġ li jiġi żgurat li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu applikati fl-Unjoni kollha b'mod omoġenju.
- (3) F'dan il-kuntest, id-diversità attwali tar-regoli u l-prattiki li għandhom jiġu segwiti fl-Unjoni kollha tippreżenta riskju sinifikanti ta' frammentazzjoni tas-Suq Uniku u għall-protezzjoni tal-benesseri u l-prosperità tal-individwi u, b'mod simili, tas-soċjetà, kif ukoll għall-esplorazzjoni koerenti tal-potenzjal sħiħ li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati għandhom fil-promozzjoni u l-preservazzjoni tal-benesseri u l-prosperità. Id-differenzi fil-grad ta' kif tiġi kkunsidrata d-dimensjoni etika inerenti għal dawn it-teknoloġiji min-naħa tal-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti jistgħu jwaqqfuhom milli jiġu żviluppanti, varati jew użati b'mod liberu fl-Unjoni u tali differenzi jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għal kundizzjonijiet ekwi u għas-segwitu ta' progress teknoloġiku u attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-Unjoni, iwasslu għal distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u jimpedixxu lill-awtoritajiet milli jwettqu l-obbligi tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-assenza ta' qafas regolatorju komuni, li jirrifletti prinċipji etiċi, għall-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jirriżulta f'inċertezza legali għal dawk kollha involuti, b'mod partikolari l-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti.
- (4) Madankollu, filwaqt li jikkontribwixxi għal approċċ koerenti fil-livell tal-Unjoni u fil-limiti stabbiliti minnu, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi marġni ta' manuvrar għall-Istati Membri, inkluż fir-rigward ta' kif għandu jitwettaq il-mandat tal-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rispettiva tagħhom fid-dawl tal-oġettivi li għandha tikseb kif stabbilit hawnhekk.
- (5) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni settorjali eżistenti jew futura. Jenħtieġ li jkun proporzjonat fir-rigward tal-oġettiv tiegħu sabiex ma jfjixkix bla bżonn l-innovazzjoni fl-Unjoni u jkun f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- (6) Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku ta' tali qafas jenħtieġ li jkopri l-komponenti kollha tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati matul l-iżvilupp, il-varar u l-użu tagħhom fl-Unjoni, inkluż f'każijiet fejn partijiet mit-teknoloġiji jistgħu jkunu barra mill-Unjoni jew ma jkollhomx post speċifiku jew uniku, bħal fil-każ tas-servizzi tal-cloud computing.
- (7) Huwa meħtieġ fehim komuni fl-Unjoni ta' kunċetti bħall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, it-teknoloġiji relatati u r-rikonoxximent bijometriku sabiex jippermetti approċċ regolatorju unifikat u b'hekk ċertezza tad-dritt kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-kumpaniji. Dawn jenħtieġ li jkunu teknoloġikament newtrali u soġġetti għal rieżami kull meta jkun meħtieġ.
- (8) Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat il-fatt li hemm teknoloġiji relatati mal-intelliġenza artifiċjali u r-robotika li jippermettu lis-software jikkontrolla l-proċessi fiżiċi jew virtwali, fi grad differenti ta' awtonomija<sup>(1)</sup>. Pereżempju, għas-sewqan awtomatizzat tal-vetturi, ġew proposti sitt livelli ta' awtomatizzazzjoni tas-sewqan mill-Istandard Internazzjonali SAE J3016.
- (9) L-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jenħtieġ li jikkomplementaw il-kapaċitajiet umani u mhux jissostitwixxuhom u jiżguraw li l-eżekuzzjoni tagħhom ma tmurx kontra l-aħjar interessi taċ-ċittadini, u li tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni, mad-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u strumenti Ewropej u internazzjonali oħrajn li japplikaw fl-Unjoni.
- (10) Id-deċiżjonijiet li jittieħdu jew li jiġu informati mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għal rieżami, sinifikattiv, ġudizzju, intervent u kontroll mill-bniedem. Il-kumplessità teknika u operattiva ta' tali teknoloġiji jenħtieġ li qatt ma żżomm lil dak li jvarahom jew l-utent tagħhom milli jkunu jistgħu, tal-inqas, jagħlquhom b'mod sigur, jibdluhom jew iwaqqfuhom milli jaħdmu, jew jerġgħu lura għal stat preċedenti billi jirrestawraw funzjonalitajiet siguri f'każijiet fejn il-konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali stabbiliti f'dan ir-Regolament tkun f'riskju.
- (11) L-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati li l-iżvilupp, il-varar u l-użu tagħhom jinvolvu riskju sinifikanti li jikkawżaw korriment jew ħsara lill-individwi jew lis-soċjetà bi ksur tad-drittijiet fundamentali u tar-regoli tas-sikurezza kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li jitqiesu bħala teknoloġiji ta' riskju għoli. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tagħhom bħala tali, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat is-settur fejn jiġu żviluppati, varati jew użati, l-użu jew l-iskop speċifiku tagħhom u s-severità tal-korriment jew ħsara li tista' tkun mistennija li sseħħ. Il-grad ta' severità jenħtieġ li jiġi determinat abbażi tal-firxa tal-korriment jew ħsara potenzjali, l-għadd ta' persuni affettwati, il-valur totali tal-ħsara kkawżata u l-ħsara lis-soċjetà kollha kemm hi. Tipi severi ta' korriment u ħsara huma, pereżempju, ksur tad-drittijiet tat-tfal, tal-konsumaturi jew tal-ħaddiema li, minħabba l-firxa tagħhom, l-għadd ta' tfal, konsumaturi jew ħaddiema affettwati jew l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà kollha kemm hi jinvolvu riskju sinifikanti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali u tar-regoli tas-sikurezza kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprovdi lista eżawrjenti u kumulattiva ta' setturi ta' riskju għoli, u użi u skopijiet ta' riskju għoli.
- (12) L-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, speċifikament dawk li jirrigwardaw teknoloġiji ta' riskju għoli, jenħtieġ li japplikaw biss għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni, li, wara l-valutazzjoni tar-riskju prevista f'dan ir-Regolament, jitqiesu bħala ta' riskju għoli. Tali obbligi għandhom jiġu mħarsa mingħajr preġudizzju għall-obbligu ġenerali li kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użata jew prodotta minn teknoloġiji bħal dawn, jenħtieġ li jiġu żviluppati, varati u użati fl-Unjoni b'mod iċċentrat fuq il-bniedem u bbażati fuq il-prinċipji tal-awtonomija tal-bniedem u s-sikurezza tal-bniedem skont id-dritt tal-Unjoni u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali bħad-dinjità tal-bniedem, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà u d-dritt għall-integrità tal-persuna.

<sup>(1)</sup> Għas-sewqan awtomatizzat tal-vetturi, ġew proposti sitt livelli ta' awtomatizzazzjoni tas-sewqan mill-Istandard Internazzjonali SAE J3016, aġġornat l-aħħar fl-2018 għal J3016\_201806. [https://www.sae.org/standards/content/j3016\\_201806/](https://www.sae.org/standards/content/j3016_201806/)

- (13) It-teknoloġiji ta' riskju għoli jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji tas-sikurezza, it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont, in-nuqqas ta' preġudizzju jew in-nondiskriminazzjoni, ir-responsabbiltà soċjali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-dritt għal rimedju, is-sostenibbiltà ambjentali, il-privatezza u l-governanza tajba, wara valutazzjoni tar-riskju imparzjali, oġġettiva u esterna mill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali skont il-kriterji previsti f'dan ir-Regolament u fil-lista stabbilita fl-anness għalih. Din il-valutazzjoni jenħtieġ li tqis il-fehmiet u kull awtovalutazzjoni li ssir mill-iżviluppatur jew mill-fornitur.
- (14) Il-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru għal dan il-għan jenħtieġ li jheju linji gwida ta' implimentazzjoni mhux vinkolanti għall-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti dwar il-metodoloġija għall-konformità ma' dan ir-Regolament. Meta jagħmlu dan, huma jenħtieġ li jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.
- (15) Jenħtieġ li jkun hemm koerenza fl-Unjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju ta' dawn it-teknoloġiji, speċjalment fil-każ li jiġu vvalutati kemm fid-dawl ta' dan ir-Regolament kif ukoll f'konformità ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni speċifika għas-settur applikabbli. Għaldaqstant, l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jenħtieġ li jinfurmaw lil awtoritajiet oħra li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju skont kwalunkwe leġiżlazzjoni speċifika għas-settur meta dawn it-teknoloġiji jiġu vvalutati bħala ta' riskju għoli wara l-valutazzjoni tar-riskju prevista f'dan ir-Regolament.
- (16) Biex ikunu affidabbli, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati affidabbli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji jenħtieġ li jiġu żviluppati, varati u użati b'mod sikur, trasparenti u responsabbli skont il-karatteristiċi ta' sikurezza tar-robustezza, ir-reżiljenza, is-sigurtà, il-preċiżjoni u l-identifikazzjoni tal-iżball, l-ispejgabbiltà, l-interpretazzjoni, l-awditjar, it-trasparenza u l-identifikazzjoni, u b'mod li jkun possibbli li l-funzjonalitajiet ikkonċernati jiġu temporanjament diżattivati jew li wieħed imur lura għal stat preċedenti li jirrestawra funzjonalitajiet siguri, f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk il-karatteristiċi. It-trasparenza jenħtieġ li tiġi żgurata billi jiġi permess l-aċċess lill-awtoritajiet pubbliċi, meta jkun strettament meħtieġ, għat-teknoloġija, id-data u s-sistemi tal-informatika sottostanti għal dawn it-teknoloġiji.
- (17) L-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, speċjalment it-teknoloġiji ta' riskju għoli, huma responsabbli fi gradi differenti għall-konformità mal-prinċipji tas-sikurezza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont sal-livell tal-involvement tagħhom fit-teknoloġiji kkonċernati, inkluż is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji. L-iżviluppaturi jenħtieġ li jiżguraw li t-teknoloġiji kkonċernati jkunu ddisinjati u mibnija f'konformità mal-karatteristiċi ta' sikurezza stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jvaraw u jużaw it-teknoloġiji kkonċernati b'rispett sħiħ għal dawk il-karatteristiċi. Għal dan il-għan, l-iżviluppaturi ta' teknoloġiji ta' riskju għoli jenħtieġ li jevalwaw u jantiċipaw ir-riskji ta' użu ħażin li jistgħu jkunu raġonevolment mistennija fir-rigward tat-teknoloġiji li jiżviluppaw. Huma jeħtiġilhom jiżguraw ukoll li s-sistemi li jiżviluppaw jindikaw il-probabbiltà ta' żbalji jew ineżattezzi sa fejn ikun possibbli u permezz ta' mezzi xierqa, bħal messaġġi ta' ċaħda ta' responsabbiltà.
- (18) L-iżviluppaturi u dawk li jvarawhom jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-utenti kull aġġornament sussegwenti tat-teknoloġiji kkonċernati, b'mod partikolari f'termini ta' software, kif stipulat minn kuntratti jew kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali. Barra minn hekk, fejn valutazzjoni tar-riskju tindika hekk, l-iżviluppaturi u dawk li jvarawhom jenħtieġ li jipprovdu lill-awtoritajiet pubbliċi d-dokumentazzjoni rilevanti dwar l-użu tat-teknoloġiji kkonċernati u l-istruzzjonijiet tas-sikurezza f'dak ir-rigward, inkluż, fejn strettament meħtieġ u b'rispett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, il-privatezza u d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u s-sigriet kummerċjali, il-kodiċi tas-sors, l-għodod tal-iżvilupp u d-data użati mis-sistema.
- (19) L-individwi għandhom id-dritt li jstennaw li t-teknoloġija li jużaw taħdem b'mod raġonevoli u tirrispetta l-fiduċja tagħhom. Il-fiduċja taċ-ċittadini fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, tiddependi mill-fehim u l-komprensjoni tal-proċessi tekniċi. Il-grad ta' spjegabbiltà ta' tali proċessi jenħtieġ li jiddependi mill-kuntest ta' dawk il-proċessi tekniċi, u mis-severità tal-konsegwenzi ta' riżultat żbaljat jew mhux eżatt, u jrid ikun biżżejjed biex wieħed jikkontestahom u jfittex rimedju. Il-kapaċità ta' awditjar, ta' traċċabbiltà u trasparenza jenħtieġ li tindirizza kull nuqqas ta' fehim possibbli ta' tali teknoloġiji.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- (20) Il-fiduċja tas-soċjetà fl-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, tiddependi mill-punt sa fejn huma permessi l-valutazzjoni, il-kapaċità ta' awditjar u t-traċċabbiltà tagħhom fit-teknoloġiji kkonċernati. Meta l-firxa tal-involvement tagħhom tkun tirrikjedi dan, l-iżviluppaturi jenħtieġ li jiżguraw li tali teknoloġiji jiġu ddisinjati u magħmula b'mod li jippermetti tali valutazzjoni, awditjar u traċċabbiltà. Fil-limiti ta' dak li huwa teknikament possibbli, l-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jiżguraw li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jiġu varati u użati b'rispett sħiħ tar-rekwiżiti ta' trasparenza, u jippermettu l-awditjar u t-traċċabbiltà.
- (21) Sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, iċ-ċittadini jenħtieġ li jiġu infurmati meta sistema tuża l-intelliġenza artifiċjali, meta sistemi ta' intelliġenza artifiċjali jippersonalizzaw prodott jew servizz għall-utenti tagħha, jekk jistgħux jifhem kif ukoll jillimitaw il-personalizzazzjoni u meta jkollhom teknoloġija awtomatizzata ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Barra minn hekk, il-miżuri ta' trasparenza jenħtieġ li jkunu akkumpanjati, sa fejn dan ikun teknikament possibbli, minn spjegazzjonijiet ċari u li jinftehm u tad-data użata u tal-algoritmu, l-iskop tagħha, l-eżiti tagħha u l-perikli potenzjali tagħha.
- (22) Il-preġudizzju fis-software, l-algoritmi u d-data u d-diskriminazzjoni min-naħa tagħhom huma kontra l-liġi u jenħtieġ li jiġu indirizzati billi jiġu rregolati l-proċessi li permezz tagħhom jiġu ddisinjati u varati. Il-preġudizzju jista' joriġina kemm minn deċiżjonijiet infurmati jew magħmula minn sistema awtomatizzata kif ukoll minn settijiet ta' data li fuqhom ikun ibbażat it-tali teħid ta' deċiżjonijiet jew li permezz tagħhom tkun imħarrġa s-sistema.
- (23) Is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jenħtieġ li jitqiesu li mhumiex imparzjali fejn, pereżempju, juru riżultati subottimali fir-rigward ta' kwalunkwe persuna jew grupp ta' persuni, abbażi ta' perċezzjoni personali jew soċjali preġudikata u pproċessar sussegwenti ta' data relatata mal-karatteristiċi tagħhom.
- (24) F'konformità mad-dritt tal-Unjoni, is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti mill-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jenħtieġ li jitqiesu bħala diskriminatorji meta jipproduċu eżiti li jkollhom effetti negattivi sproporzjonati u jirriżultaw fi trattamenti differenti ta' persuna jew grupp ta' persuni, inkluż billi jpoġġuom fi żvantaġġ meta mqabbla ma' oħrajn, abbażi ta' raġunijiet bħall-karatteristiċi personali tagħhom, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli u irrISPettivament minn kwalunkwe dikjarazzjoni ta' newtralità tat-teknoloġiji.
- (25) F'konformità mad-dritt tal-Unjoni, għanijiet leġittimi li, fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, jistgħu jitqiesu li jiġġustifikaw b'mod oġġettiv xi trattamenti differenzjali bejn persuni jew grupp ta' persuni huma l-protezzjoni tas-sikurezza pubblika, is-sigurtà u s-saħħa, il-prevenzjoni ta' reati kriminali, il-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, ir-rappreżentanza ġusta u r-rekwiżiti oġġettivi għal okkupazzjoni professjonali.
- (26) Jenħtieġ li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jikkontribwixxu għal-progress sostenibbli. Jenħtieġ li dawn it-teknoloġiji ma jmorrux kontra l-kawża ta' preservazzjoni tal-ambjent jew tat-tranżizzjoni ekoloġika. Huma jistgħu jaqdu rwol importanti fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli deskritti min-Nazzjonijiet Uniti bil-ħsieb li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jirnexxu. Dawn it-teknoloġiji jistgħu jappoġġjaw il-monitoraġġ ta' progress adegwat abbażi ta' indikaturi tas-sostenibbiltà u tal-koeżjoni soċjali, u bl-użu ta' għodod ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli li jirrikjedu l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw u jinvestu fi proġetti li jindirizzaw dawk l-għanijiet.
- (27) Jenħtieġ li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, bl-ebda mod ma jikkawżaw bi skop jew jaċċettaw bi pjan korrimment jew dannu ta' kwalunkwe tip lill-individwi jew lis-soċjetà. Għaldaqstant, it-teknoloġiji ta' riskju għoli b'mod partikolari jenħtieġ li jiġu żviluppati, varati u użati b'mod soċjalment responsabbli.
- (28) Għaldaqstant, l-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jinżammu responsabbli, sal-limitu tal-involvement tagħhom fl-intelliġenza artifiċjali, fir-robotika u fit-teknoloġiji relatati kkonċernati, u f'konformità mar-regoli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar ir-responsabbiltà, għal kwalunkwe korrimment jew dannu kkawżat lill-individwi u lis-soċjetà.

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

- (29) B'mod partikolari, l-iżviluppaturi li jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw u jikkontrollaw il-kors jew il-manjiera tal-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, kif ukoll dawk li jvarawhom li jkunu involuti fil-varar tagħhom billi jieħdu deċiżjonijiet dwar tali varar u billi jeżerċitaw kontroll fuq ir-riskji assoċjati jew jibbenefikaw minn tali varar, b'funzjoni ta' kontroll jew amministrattiva, jenħtieġ li ġeneralment jitqiesu responsabbli biex jevitaw l-okkorrenza ta' kwalunkwe korriment jew dannu bħal dan u dan billi jstabbilixxu miżuri adegwati matul il-proċess ta' żvilupp u billi jirrispettaw bir-reqqa dawn il-miżuri matul il-fażi ta' varar, rispettivament.
- (30) Intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li jkunu soċjalment responsabbli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jistgħu jiġu ddefiniti bħala teknoloġiji li jikkontribwixxu biex jinstabu soluzzjonijiet li jissalvagwardjaw u jippromwovu għanijiet differenti rigward is-soċjetà, b'mod partikolari d-demokrazija, is-saħħa u l-prosperità ekonomika, l-opportunitajiet ugwali, id-drittijiet tal-ħaddiema u dawk soċjali, midja varjata u indipendenti u informazzjoni oġġettiva u disponibbli liberament, li jippermettu dibattitu pubbliku, edukazzjoni ta' kwalità, diversità lingwistika u kulturali, bilanċ bejn il-ġeneri, litteriżmu diġitali, innovazzjoni u kreattività. Hemm dawk ukoll li huma żviluppaturi, varati u użati b'kunsiderazzjoni xierqa għall-impatt finali tagħhom fuq il-benesseri fiżiku u mentali taċ-ċittadini u li ma jippromwovux id-diskors ta' mibegħda jew il-vjolenza. Dawn l-għanijiet jenħtieġ li jinkisbu b'mod partikolari permezz ta' teknoloġiji ta' riskju għoli.
- (31) Jenħtieġ li l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati jiġu żviluppaturi, varati u użati wkoll bil-ħsieb li jappoġġjaw l-inklużjoni soċjali, id-demokrazija, il-pluralità, is-solidarjetà, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-kooperazzjoni u jenħtieġ li l-potenzjal tagħhom f'dak il-kuntest jiġi mmassimizzat u esplorat permezz ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Jenħtieġ li għaldaqstant l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jimmobilizzaw ir-riżorsi ta' komunikazzjoni, amministrattivi u finanzjarji tagħhom bil-għan li jappoġġjaw u jinvestu f'tali proġetti.
- (32) Jenħtieġ li l-proġetti relatati mal-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati li jittrattaw il-kwistjoni tal-benesseri soċjali, jitwettqu abbażi ta' għodod ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli sabiex tiġi ggarantita konformità mal-prinċipji etiċi ta' dawk il-proġetti mill-bidu nett.
- (33) L-iżvilupp, il-varar u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jenħtieġ li jqisu l-impronta ambjentali tagħhom. F'konformità mal-obbligi stabbiliti fid-dritt applikabbli tal-Unjoni, jenħtieġ li teknoloġiji bħal dawn ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u tul il-katina kollha tal-provvista tagħhom u jenħtieġ li jiġu żviluppaturi, varati u użati b'mod li jippreserva l-ambjent, jimmitiga u jirrimedja l-impronta ambjentali tagħhom, jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u jappoġġja l-kisba tal-oġġettivi tan-newtralità klimatika u tal-ekonomija ċirkolari.
- (34) Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jinżammu responsabbli, sal-limitu tal-involvement rispettiv tagħhom fl-iżvilupp, il-varar jew l-użu ta' kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija kkunsidrati bħala ta' riskju għoli, għal kwalunkwe ħsara kkawżata lill-ambjent skont ir-regoli dwar ir-responsabbiltà ambjentali applikabbli.
- (35) Jenħtieġ ukoll li dawn it-teknoloġiji jiġu żviluppaturi, varati u użati bil-ħsieb li jappoġġjaw il-kisba tal-għanijiet ambjentali f'konformità mal-obbligi stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni applikabbli, bħat-tnaqqis fil-produzzjoni tal-iskart, il-limitar tal-marka tal-karbonju, il-għieda kontra t-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-ambjent, u l-potenzjal tagħhom, f'dak il-kuntest, jenħtieġ li jiġi mmassimizzat u esplorat permezz ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni. Għaldaqstant jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jimmobilizzaw ir-riżorsi ta' komunikazzjoni, amministrattivi u finanzjarji tagħhom bil-għan li jappoġġjaw u jinvestu f'tali proġetti.
- (36) Jenħtieġ li l-proġetti relatati mal-potenzjal tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġiji relatati li jindirizzaw it-tħassib ambjentali, jitwettqu abbażi ta' għodod ta' riċerka u innovazzjoni responsabbli sabiex mill-bidu tiġi ggarantita l-konformità ta' dawn il-proġetti mal-prinċipji etiċi.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- (37) Jenħtieġ li kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, żviluppata, varata u użata fl-Unjoni, jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-privatezza u l-protezzjoni ta' data personali. Jenħtieġ li, b'mod partikolari, l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' tagħhom isir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> u mad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(3)</sup>.
- (38) B'mod partikolari, jenħtieġ li l-limiti etiċi tal-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, jitqiesu kif dovut meta jintużaw teknoloġiji ta' rikonossiment mill-bogħod, bħar-rikonossiment tal-karatteristiċi bijometriċi, b'mod partikolari r-rikonossiment tal-wiċċ, sabiex individwi jiġu identifikati awtomatikament. Meta dawn it-teknoloġiji jintużaw mill-awtoritajiet pubbliċi għal raġunijiet ta' interess pubbliku sostanzjali, jiġifieri biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-individwi u biex jiġu indirizzati emerġenzi nazzjonali, u mhux biex tiġi ggarantita s-sigurtà tal-proprjetajiet, l-użu jenħtieġ li dejjem ikun żvelat, proporzjonat, immirat u limitat għal objettivi speċifiċi u ristrett fiż-żmien skont id-dritt tal-Unjoni u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dinjità u l-awtonomija tal-bniedem u għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta. Il-kriterji u l-limiti għal dak l-użu jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rieżami għudżzarju u sottomessi għal skrutinju demokratiku u dibattitu li jinvolvi lis-soċjetà ċivili.
- (39) Governanza li hija bbażata fuq standards rilevanti ssaħħaħ is-sikurezza u tippromwovi ż-żieda fil-fiduċja taċ-ċittadini fl-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji.
- (40) L-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt dwar id-drittijiet fundamentali qabel ma jvaraw teknoloġiji ta' riskju għoli li jipprovdu appoġġ għal deċiżjonijiet li jittieħdu fis-settur pubbliku u li jkollhom impatt dirett u sinifikanti fuq id-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini.
- (41) Fost l-istandards ta' governanza rilevanti eżistenti hemm, pereżempju, il-“Linji Gwida dwar l-Etika għal IA Affidabbli” abbozzati mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-Intelliġenza Artifiċjali stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea u kwalunkwe standard tekniku ieħor bħal dawk adottati fil-livell Ewropew mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) u fil-livell internazzjonali mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-Istitut tal-Inġiniera tal-Elettriku u l-Elettronika (IEEE).
- (42) Il-kondiviżjoni u l-użu ta' data minn bosta parteċipanti huma sensitivi u jenħtieġ, għaldaqstant, li l-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatati jiġu rregolati minn regoli, standards u protokollijiet rilevanti li jirriflettu r-rekwiżiti tal-kwalità, l-integrità, is-sigurtà, l-affidabbiltà, il-privatezza u l-kontroll. Jenħtieġ li l-istrateġija ta' governanza tad-data tiffoka fuq l-ipproċessar, il-kondiviżjoni u l-aċċess għal tali data, inklużi l-ġestjoni, il-kapaċità ta' awditjar u t-traċċabbiltà xierqa ta' tagħha, u tigarantixxi l-protezzjoni adegwata ta' data li tappartjeni għal gruppi vulnerabbli, inklużi persuni b'diżabilitajiet, pazjenti, tfal, minoranzi u migranti jew gruppi oħrajn friskju ta' esklużjoni. Barra minn hekk, l-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti jenħtieġ li jkunu jistgħu, fejn rilevanti, joqogħdu fuq indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fil-valutazzjoni tas-settijiet tad-data li jużaw għall-finijiet tat-tisħiħ tal-affidabbiltà tat-teknoloġiji li jiżviluppaw, ivaraw u jużaw.
- (43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtorità amministrattiva indipendenti biex taġixxi bħala awtorità ta' sorveljanza. B'mod partikolari, kull awtorità nazzjonali ta' sorveljanza jenħtieġ li tkun responsabbli għall-identifikazzjoni ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata meqjusa bħala ta' riskju għoli fid-dawl tal-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju previsti f'dan ir-Regolament u għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-konformità ta' dawn it-teknoloġiji mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(3) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).



- (44) Kull awtorità ta' sorveljanza nazzjonali jenħtieġ ukoll li terfa' r-responsabbiltà tal-governanza tajba ta' dawn it-teknoloġiji taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni u/jew ta' kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru għal dan il-għan. Għaldaqstant dawn għandhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-fiduċja u tas-sikurezza taċ-ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll biex jippermettu soċjetà demokratika, pluralistika u ekwa.
- (45) Għall-finijiet tal-valutazzjoni tat-teknoloġiji li huma ta' riskju għoli skont dan ir-Regolament u l-monitoraġġ tal-konformità tagħhom miegħu, jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jikkooperaw, fejn applikabbli, mal-awtoritajiet responsabbli għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ ta' dawn it-teknoloġiji u għall-infurzar tal-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni settorjali.
- (46) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni sostanzjali u regolari bejniethom kif ukoll mal-Kummissjoni Ewropea u ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni, sabiex tiġi garantita azzjoni transfruntiera koerenti u jkunu possibbli l-iżvilupp, il-varar u l-użu konsistenti ta' dawn it-teknoloġiji fi ħdan l-Unjoni f'konformità mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (47) Fil-kuntest ta' tali kooperazzjoni u bil-ħsieb li tinkiseb armonizzazzjoni sħiħa fil-livell tal-Unjoni, l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jenħtieġ li jassistu lill-Kummissjoni fit-tfassil ta' lista komuni u eżawrjenti ta' intelligence artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli f'konformità mal-kriterji previsti f'dan ir-Regolament u fl-Anness għalih. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żviluppata proċess ta' għoti għall-ħruġ ta' ċertifikat Ewropew ta' konformità etika, inkluż proċess ta' applikazzjoni volontarja għal kull żviluppatur, fornitur jew utent ta' teknoloġiji li ma jkunux ikkunsidrati bħala ta' riskju għoli li jkunu jixtiequ jiċċertifikaw il-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament.
- (48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jiżguraw il-ġbir ta' għadd massimu ta' partijiet ikkonċernati, bħall-industrija, in-negozji, is-sħab soċjali, ir-riċerkaturi, il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jipprovdu forum pluralistiku għar-riflessjoni u l-iskambju ta' fehmiet sabiex jinkisbu konklużjonijiet komprensibbli u preċiżi bħala gwida ta' kif il-governanza tiġi rregolata.
- (49) Jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jiżguraw il-ġbir ta' għadd massimu ta' partijiet ikkonċernati, bħall-industrija, in-negozji, is-sħab soċjali, ir-riċerkaturi, il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jipprovdu forum pluralistiku għar-riflessjoni u l-iskambju ta' fehmiet, sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-kollaborazzjoni bejniethom, b'mod partikolari minn esperti akkademiċi, esperti fir-riċerka, fl-industrija, esperti tas-soċjetà ċivili u esperti individwali, sabiex jinkisbu konklużjonijiet komprensibbli u preċiżi bħala gwida ta' kif il-governanza tiġi rregolata.
- (50) Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jipprovdu gwida u appoġġ amministrattivi professjonali lill-iżviluppaturi, lil dawk li jvarawhom u lill-utenti, b'mod partikolari lill-intrapriżi żgħar u medji jew lin-negozji ġodda, li jiffaċċjaw sfidi fir-rigward tal-konformità mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (51) Il-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru għal dan il-għan jenħtieġ li jistabbilixxu linji gwida vinkolanti dwar il-metodoloġija li għandha tintuża mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali meta jwettqu l-valutazzjoni tal-konformità tagħhom.
- (52) L-iżvelar ta' informazzjoni protetta jwassal il-ksur potenzjali u reali tad-dritt tal-Unjoni għand l-awtoritajiet bil-għan li jipprevjeni korriment, dannu jew ħsara li altrimenti jistgħu jseħħu. Barra minn hekk, il-proċeduri ta' rapportar itejbu l-fluss ta' informazzjoni fi ħdan il-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet, u b'hekk itaffu r-riskju li jiġu żviluppata prodotti jew servizzi difettużi jew żbaljati. Jenħtieġ li l-kumpaniji u l-organizzazzjonijiet li jiżviluppaw, ivaraw jew jużaw intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluża d-data użata jew prodotta minn dawn it-teknoloġiji, jistabbilixxu mezzi ta' rapportar u jenħtieġ li l-persuni li jirrapportaw ksur jiġu protetti mir-ritaljazżjoni.
- (53) L-iżvilupp rapidu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn dawn it-teknoloġiji, kif ukoll ta' tagħlim awtomatiku tekniku, il-proċessi ta' raġunament u teknoloġiji sottostanti oħra ta' dan l-iżvilupp, huma imprevedibbli. B'hekk, huwa kemm xieraq kif ukoll meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' rieżami li skontu, flimkien mar-rapportar tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament, il-Kummissjoni jeħtiġilha tippreżenta b'mod regolari rapport dwar il-modifika possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- (54) Minħabba li l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas regolatorju komuni ta' prinċipji etiċi u obbligi legali għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda aktar jista' jintlaħaq, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (55) Il-koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni kif stabbilit f'dan ir-Regolament tinkiseb l-aħjar mill-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni u tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ għalhekk li l-Kummissjoni tingħata l-kompitu li ssib soluzzjoni xierqa biex din il-koordinazzjoni tiġi strutturata fil-livell tal-Unjoni bil-għan li jiġu kkoordinati l-mandati u l-azzjonijiet tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali f'kull Stat Membru, jiġifieri fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, l-istabbiliment ta' qafas komuni għall-governanza tal-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' dawn it-teknoloġiji, l-iżvilupp u l-ħruġ ta' ċertifikazzjoni ta' konformità mal-prinċipji etiċi u l-obbligi legali stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-appoġġ għal skambji regolari mal-partijiet ikkonċernati u s-soċjetà ċivili u l-ħolqien ta' ċentru ta' għarfien espert, li jlaqqa' flimkien lill-akkademiċi, lir-riċerka, lill-industrija u lil esperti individwali fil-livell tal-Unjoni biex jitrawwem l-iskambju ta' għarfien u kompetenza teknika, u l-promozzjoni tal-approċċ tal-Unjoni permezz tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżgurar ta' tweġiba konsistenti mad-dinja kollha għall-opportunitajiet u r-riskji inerenti f'dawn it-teknoloġiji.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Kapitolu 1*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

*Artikolu 1*

**Skop**

Il-fini ta' dan ir-Regolament hija li jiġi stabbilit qafas regolatorju tal-Unjoni komprensiv u li jibqa' validu fil-futur ta' prinċipji etiċi u obbligi legali għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati fl-Unjoni.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku**

Dan ir-Regolament japplika għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fejn kwalunkwe parti minnhom tiġi żviluppata, varata jew użata fl-Unjoni, irrISPETTIVAMENT minn jekk is-software, l-algoritmi jew id-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji jinsabux barra mill-Unjoni jew ma jkollhomx lokazzjoni ġeografika speċifika.

## Artikolu 4

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "intelliġenza artifiċjali" tfisser sistema li hija jew ibbażata fuq software jew inkorporata f'taġmhir tal-hardware, u li turi mgħiba intelliġenti billi, fost l-oħrajn, tiġbor, tipproċessa, tanalizza u tinterpreta l-ambjent tagħha, u billi tiegħu azzjoni, b'xi grad ta' awtonomija, biex tikseb għanijiet speċifiċi (\*);
- (b) "awtonomija" tfisser sistema tal-IA li topera billi tinterpreta ċertu input u tuża sett ta' struzzjonijiet stabbiliti minn qabel, mingħajr ma tkun limitata għal dawn l-istruzzjonijiet, minkejja li l-imgħiba tas-sistema tkun limitata mill-għan li tkun ingħatat u minn għażliet oħra rilevanti ta' disinn magħmula mill-iżviluppatur tagħha u mmirata biex tilħaq dak l-għan u dawk l-għażliet;
- (c) "robotika" tfisser teknoloġiji li jippermettu lil magni kkontrollati b'mod awtomatiku, li jistgħu jiġu pprogrammati mill-ġdid u bi skopijiet multipli (†) iwettqu azzjonijiet fid-dinja fiżika li tradizzjonalment jitwettqu mill-bnedmin inkluż permezz ta' intelliġenza artifiċjali jew teknoloġiji relatati;
- (d) "teknoloġiji relatati" tfisser teknoloġiji li jippermettu lil software jikkontrolla, bi grad ta' awtonomija parzjali jew sħiħ, proċess fiżiku jew virtwali, teknoloġiji li kapaċi jidentifikaw data bijometrika, ġenetika jew data oħra, u teknoloġiji li jikkupjaw jew jagħmlu użu ieħor minn karatteristiċi umani;
- (e) "riskju għoli" tfisser riskju sinifikanti li jirriżulta mill-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li jikkawżaw korriment jew ħsara lil individwi jew lis-soċjetà bi ksur tad-drittijiet fundamentali u r-regoli tas-sikurezza kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, b'kunsiderazzjoni tal-użu jew tal-iskop speċifiku tagħhom, tas-settur fejn jiġu żviluppati, varati jew użati u tas-severità tal-korriment jew ħsara li tista' tkun mistennija li sseħħ;
- (f) "żvilupp" tfisser il-konstruzzjoni u d-disinn ta' algoritmi, il-kitba u d-disinn ta' software jew il-ġbir, il-ħżin u l-ġestjoni ta' data bil-ħsieb tal-ħolqien jew tat-taħriġ ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jew bil-ħsieb tal-ħolqien ta' applikazzjoni ġdida għal intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati eżistenti;
- (g) "żviluppatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tiegħu deċiżjonijiet li jiddeterminaw u jikkontrollaw il-perkors jew il-mod tal-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati;
- (h) "varar" tfisser it-tħaddim u l-ġestjoni ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, kif ukoll it-tqegħid tagħhom fis-suq jew mod ieħor li bih ikunu magħmula disponibbli għall-utenti;
- (i) "fornitur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun involuta fil-varar speċifiku ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li jkollha funzjoni ta' kontroll jew ta' ġestjoni billi tiegħu deċiżjonijiet, teżerċita kontroll fuq ir-riskju u tibbenefika minn tali varar;
- (j) "użu" tfisser kwalunkwe azzjoni relatata ma' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati għajr l-iżvilupp jew il-varar;
- (k) "utent" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati għajr għal finijiet ta' żvilupp jew varar;
- (l) "preġudizzju" tfisser kwalunkwe perċezzjoni personali jew soċjali preġudikata ta' persuna jew grupp ta' persuni abbażi tax-xeħtiet personali tagħhom;
- (m) "diskriminazzjoni" tfisser kwalunkwe trattament differenzjali ta' persuna jew grupp ta' persuni abbażi ta' raġuni li ma għandha ebda ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli u għaldaqstant hija pprojbita mid-dritt tal-Unjoni;

(\*) Definizzjoni bħal dik fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea COM(2018)0237, 25.04.2018, paġna 1, adattata.

(†) Mid-definizzjoni għar-robots industrijali fl-ISO 8373.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

- (n) "korriment jew ħsara" tfisser, inkluż fejn ikkawżati minn diskors ta' mibegħda, preġudizzju, diskriminazzjoni jew stigmatizzazzjoni, korriment fiżiku jew mentali, ħsara materjali jew immaterjali bħal telf finanzjarju jew ekonomiku, telf ta' impjieg jew opportunità ta' edukazzjoni, restrizzjoni eċċessiva fuq il-libertà tal-għażla jew tal-espressjoni jew it-telf tal-privatezza, u kwalunkwe ksur tad-dritt tal-Unjoni li jkun ta' detriment għal persuna;
- (o) "governanza tajba" tfisser il-mod li bih jiġi żgurat li l-istandards u l-protokollu adegwati u raġonevoli ta' komportament jiġu adottati u osservati mill-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti, abbażi ta' sett formali ta' regoli, proċeduri u valuri, u li jippermettilhom li jittrattaw b'mod xieraq il-kwistjonijiet etiċi kif jew qabel ma jinħolqu.

*Artikolu 5***Prinċipji etiċi ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati fl-Unjoni skont id-dritt tal-Unjoni u b'rispett sħiħ tad-dinjità, l-awtonomija u s-sikurezza tal-bniedem u ta' drittijiet fundamentali oħrajn stabbiliti fil-Karta.
2. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali li jsir fl-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inkluża d-data personali derivata minn data mhux personali u data bijometrika, għandu jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE.
3. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jinkoraġġixxu proġetti ta' riċerka maħsuba biex jipprovdu soluzzjonijiet, ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, li jfittxu li jippromwovu l-inklużjoni soċjali, id-demokrazija, il-pluralità, is-solidarjetà, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u l-kooperazzjoni.

*Kapitolu II**Obbligi għal teknoloġiji ta' riskju għoli**Artikolu 6***Obbligi għal teknoloġiji ta' riskju għoli**

1. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-Kapitolu għandhom japplikaw biss għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni u li jitqiesu ta' riskju għoli.
2. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata ta' riskju għoli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura li ma jiksrux il-prinċipji etiċi stipulati f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 7***Intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u magħmula mill-bniedem**

1. Kwalunkwe teknoloġija ta' riskju għoli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura s-sorveljanza sħiħa mill-bniedem fi kwalunkwe ħin.
2. It-teknoloġiji msemija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod li jippermetti li jinkiseb mill-ġdid il-kontroll sħiħ mill-bniedem meta jkun meħtieġ, inkluż permezz tat-tibdil jew tal-waqfien ta' dawk it-teknoloġiji.

*Artikolu 8***Sikurezza, trasparenza u obbligu ta' rendikont**

1. Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji għandhom ikunu żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura li jkunu:

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

- (a) żviluppati, varati u użati b'mod reżiljenti sabiex jiżguraw livell adegwat ta' sigurtà billi jaderixxu ma' linji bażi minimi taċ-ċibersigurtà proporzjonati għar-riskju identifikat, u livell li jipprevjeni kwalunkwe vulnerabbiltà teknika milli tiġi sfruttata għal skopijiet malizzjużi jew illegali;
- (b) żviluppati, varati u użati b'mod sigur li jiżgura li jkun hemm salvagwardji li jinkludu pjan u azzjoni ta' riżerva f'każ ta' riskju ta' sikurezza jew ta' sigurtà;
- (c) żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura prestazzjoni affidabbli kif raġonevolment mistenni mill-utent fir-rigward tal-kisba tal-għanijiet u tat-twertiq tal-attivitajiet li jkunu ġew maħsuba għalihom, inkluż billi jiġi żgurat li l-operazzjonijiet kollha jkunu jistgħu jiġu riprodotti;
- (d) żviluppati, varati u użati b'mod li jiżgura li l-prestazzjoni tal-għanijiet u tal-attivitajiet tat-teknoloġiji partikolari tkun preċiża; jekk xi ineżattezzi okkażjonali ma jkunux jistgħu jiġu evitati, is-sistema għandha tindika sa fejn ikun possibbli, il-probabbiltà ta' żbalji u ineżattezzi lil dawk li jvarawhom u lill-utenti permezz ta' mezzi xierqa;
- (e) żviluppati, varati u użati b'mod li jista' jiġi spjegat faċilment sabiex jiġi żgurat li jista' jkun hemm rieżami tal-proċessi tekniċi tat-teknoloġiji;
- (f) żviluppati, varati u użati b'tali mod li jinfurmaw lill-utenti li dawn ikunu qegħdin jinteraġixxu ma' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali filwaqt li jiżvelaw kif dovut u b'mod komprensiv il-kapaċitajiet, il-preċiżjoni u l-limitazzjonijiet tagħhom lill-iżviluppaturi, lil dawk li jvarawhom u lill-utenti tal-intelliġenza artifiċjali;
- (g) f'konformità mal-Artikolu 6, żviluppati, varati u użati b'mod li jaġġmilha possibbli, f'każ ta' nonkonformità mal-fatturi tas-sikurezza stipulati fis-subparagrafi (a) sa (g), li l-funzjonalitajiet ikkonċernati jiġu temporanjament diżattivati u jerġa' jiġi stabbilit stat preċedenti li jirrestawra l-funzjonalitajiet sikuri.

2. F'konformità mal-Artikolu 6(1), it-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu żviluppati, varati u użati b'mod trasparenti u traċċabbli sabiex l-elementi, il-proċessi u l-fażijiet tagħhom jiġu ddokumentati skont l-ogħla standards possibbli u applikabbli, u sabiex ikun possibbli għall-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 li jivvalutaw il-konformità ta' tali teknoloġiji mal-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, l-iżviluppatur, dak li jvarawhom jew l-utent ta' dawk it-teknoloġiji għandu jkun responsabbli għall-konformità, u jkun kapaċi juriha, mal-fatturi tas-sikurezza stipulati fil-paragrafu 1.

3. L-iżviluppatur, dak li jvarawhom jew l-utent tat-teknoloġiji msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiżgura li l-miżuri meħuda biex jiżgura l-konformità mal-fatturi tas-sikurezza stabbiliti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu awditjati mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 jew, fejn applikabbli, korpi ta' sorveljanza settorjali nazzjonali jew Ewropej.

#### Artikolu 9

#### Imparzialità u nondiskriminazzjoni

1. Kwalunkwe software, algoritmu jew data użati jew prodotti minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli li jiġu żviluppati, varati jew użati fl-Unjoni għandhom ikunu imparzjali u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, ma jiddiskriminawx abbażi ta' razza, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, tqala, diżabbiltà, fatturi fiżiċi jew ġenetiċi, età, minoranza nazzjonali, oriġini etnika jew soċjali, lingwa, reliġjon jew twemmin, fehmiet politiċi jew parteċipazzjoni ċivika, ċittadinanza, status ċivili jew ekonomiku, edukazzjoni jew rekord kriminali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni li jirregola d-diskriminazzjoni illegali, kwalunkwe trattament differenzjali bejn persuni jew gruppi ta' persuni jista' jiġi ġġustifikat biss meta jkun hemm mira oġġettiva, raġonevoli u leġittima li tkun kemm proporzjonata kif ukoll meħtieġa sakemm ma tkunx teżisti alternattiva li tikkawża inqas interferenza mal-prinċipju ta' trattament ugwali.

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

#### Artikolu 10

### Responsabbiltà soċjali u ugwaljanza bejn il-ġeneri

Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata ta' riskju għoli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, żviluppata, varata u użata fl-Unjoni, għandhom jiġu żviluppata, varata u użata f'konformità mad-dritt, il-prinċipji u l-valuri rilevanti tal-Unjoni, b'mod li ma jinterferixxix fl-elezzjonijiet jew ma jikkontribwixxix għat-tixrid tad-diżinformazzjoni, jirrispetta d-drittijiet tal-ħaddiema, jippromwovi edukazzjoni ta' kwalità u litteriżmu diġitali, ma jżidx id-distakk bejn il-ġeneri billi jipprevjeni opportunitajiet indaqs għal kulħadd u jirrispetta d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u kwalunkwe limitazzjoni jew eċċezzjoni għalihom.

#### Artikolu 11

### Sostenibbiltà ambjentali

Kwalunkwe intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġija relatata ta' riskju għoli, inklużi s-software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jiġu vvalutati fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 jew, fejn applikabbli, korpi oħrajn ta' sorveljanza settorjali nazzjonali jew Ewropej, billi jiżguraw li jiġu stabbiliti miżuri biex itaffu u jirrimedjaw l-impatt ġenerali tagħhom f'dak li jirrigwarda r-riżorsi naturali, il-konsum tal-enerġija, il-produzzjoni tal-iskart, il-marka tal-karbonju, l-emerġenza tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbli, kif ukoll ma' kwalunkwe impenn ambjentali internazzjonali ieħor li ħadet l-Unjoni.

#### Artikolu 12

### Rispett għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali

L-użu u l-ġbir ta' data bijometrika għal finijiet ta' identifikazzjoni mill-bogħod f'żoni pubbliċi, bħar-rikonoxximent bijometriku jew tal-wiċċ, iġorr riskji speċifiċi għad-drittijiet fundamentali u għandhom jiġu varati jew użati biss mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri għal finijiet sostanzjali ta' interess pubbliku. Dawk l-awtoritajiet għandhom jiżguraw li tali varar jew użu jiġi żvelat lill-pubbliku u li jkun proporzjonat, immirat u limitat għal oġġettivi u postijiet speċifiċi u ristrett fiż-żmien, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE, u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-dinjità u l-awtonomija tal-bniedem u għad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, jiġifieri d-drittijiet għar-rispett tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali.

#### Artikolu 13

### Dritt għal rimedju

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għandu jkollha d-dritt li tfittex rimedju għal korriment jew ħsara kkawżata mill-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali ta' riskju għoli, robotika u teknoloġija relatata, inklużi software, algoritmi u data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li jiksru d-dritt tal-Unjoni u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

#### Artikolu 14

### Valutazzjoni tar-riskji

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandhom jitqiesu bħala teknoloġiji ta' riskju għoli meta, wara valutazzjoni tar-riskju bbażata fuq kriterji oġġettivi bħall-użu jew l-iskop speċifiku tagħhom, is-settur fejn jiġu żviluppata, varata jew użata u s-severità tal-korriment jew tal-ħsara possibbli kkawżata, l-iżvilupp, il-varar jew l-użu tagħhom jinvolve riskju sinifikanti li jiġi kkawżat korriment jew ħsara li jistgħu jkunu mistennija li jsejtnu lil individwi jew lis-soċjetà bi ksur tad-drittijiet fundamentali u r-regoli tas-sikurezza kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni settorjali applikabbli, il-valutazzjoni tar-riskju tal-intelliġenza artifiċjali, tar-robotika u tat-teknoloġija relatata, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, għandha ssir skont il-kriterji oġġettivi previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fil-lista eżawrjenti u kumulattiva stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament, mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni u/jew ta' kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti oħra tal-Unjoni li jistgħu jinħatru għal dan il-għan fil-kuntest tal-kooperazzjoni tagħhom.

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

3. F'kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 20, tfassal u sussegwentement taġġorna lista komuni ta' teknoloġiji ta' riskju għoli identifikati fl-Unjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha wkoll, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 20, taġġorna regolarment il-lista prevista fl-Anness għal dan ir-Regolament.

#### Artikolu 15

### Valutazzjoni tal-konformità

1. L-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ta' riskju għoli għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni tal-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 12 ta' dan ir-Regolament, kif ukoll għal monitoraġġ sussegwenti, li t-tnejn li huma għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni u/jew ta' kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti oħra tal-Unjoni li jistgħu jinhattru għal dan il-għan.

2. Is-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn teknoloġiji ta' riskju għoli li jkunu ġew i-valutati bħala konformi mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament skont il-paragrafu 1 għandhom jitqiesu wkoll bħala konformi ma' daw k l-obbligi, sakemm l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rilevanti ma tiddeċidix li ttwettaq valutazzjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-iżviluppatur, dak li jvarahom jew l-utent.

3. Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni settorjali, il-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti oħra tal-Unjoni li jistgħu jinhattru speċifikament għal dan il-għan għandhom iħejju linji gwida vinkolanti dwar il-metodoloġija li għandha tintuża mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għall-valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 1 sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 16

### Ċertifikat Ewropew ta' konformità etika

1. Fejn ikun hemm valutazzjoni pożittiva tal-konformità ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati ta' riskju għoli, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 15, l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rispettiva għandha toħroġ ċertifikat Ewropew ta' konformità etika.

2. Kwalunkwe żviluppatur, fornitur jew utent ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji, li mhumiex meqjusa bħala ta' riskju għoli u li għalhekk mhumiex soġġetti għall-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 12 u għall-valutazzjoni tar-riskju u l-valutazzjoni tal-konformità previsti fl-Artikoli 14 u 15, jistgħu wkoll ifittxu li jiċċertifikaw il-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew ma' parti minnhom fejn dan ikun iġġustifikat min-natura tat-teknoloġija inkwistjoni kif deċiż mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali. Ċertifikat għandu jinħareġ biss jekk tkun twettqet valutazzjoni tal-konformità mill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rilevanti u dik il-valutazzjoni tkun pożittiva.

3. Għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 2, għandu jiġi żviluppat proċess ta' applikazzjoni mill-Kummissjoni u/jew minn kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti oħra tal-Unjoni li jistgħu jinhattru għal dan il-għan.

#### Kapitolu III

### Sorveljanza istituzzjonali

#### Artikolu 17

### Standards ta' governanza u gwida għall-implimentazzjoni

1. L-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati żviluppanti, varati jew użati fl-Unjoni għandhom jikkonformaw mal-istandards ta' governanza rilevanti stabbiliti skont id-dritt, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 f'konformità mad-dritt, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni, taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni u/jew ta' kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti oħra tal-Unjoni li jistgħu jinhattru għal dan il-għan u f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

2. L-istandards imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu linji gwida ta' implimentazzjoni mhux vinkolanti dwar il-metodoloġija għall-konformità ma' dan ir-Regolament minn żviluppaturi, fornituri u utenti u għandhom jiġu ppubblikati sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Data użata jew prodotta minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li huma żviluppata, varati jew użati fl-Unjoni għandhom jiġu amministrati minn żviluppaturi, fornituri u utenti f'konformità mar-regoli u mal-istandards rilevanti tal-Unjoni, dawk nazzjonali u dawk ta' organizzazzjonijiet Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, kif ukoll mal-protokollu rilevanti tal-industrija u tal-kummerċ. B'mod partikolari, l-iżviluppaturi u dawk li jvarawhom għandhom iwettqu, fejn fattibbli, kontrolli tal-kwalità tas-sorsi esterni ta' data użati minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' sorveljanza għall-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar u l-użu tagħhom.
4. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-portabbiltà u d-drittijiet tal-persuni li l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati jkun iġġenera data, il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, il-kondiviżjoni tad-data użata jew prodotta minn intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati li huma żviluppata, varati jew użati fl-Unjoni u l-aċċess għaliha għandhom ikunu konformi mar-regoli u mal-istandards rilevanti tal-Unjoni, dawk nazzjonali u dawk ta' organizzazzjonijiet Ewropej u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, kif ukoll mal-protokollu rilevanti tal-industrija u tal-kummerċ. B'mod partikolari, l-iżviluppaturi u dawk li jvarawhom għandhom jiżguraw li dawk il-protokollu jiġu applikati matul l-iżvilupp u l-varar ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, billi jiddefinixxu b'mod ċar ir-rekwiżiti għall-ipproċessar u l-ġhoti ta' aċċess għal data użata jew prodotta minn dawn it-teknoloġiji, kif ukoll il-fini, il-kamp ta' applikazzjoni u d-destinatariji tal-ipproċessar u tal-ġhoti ta' aċċess għal tali data, li lkoll għandhom ikunu verifikabbli u traċċabbli fi kwalunkwe ħin.

*Artikolu 18***Awtoritajiet ta' sorveljanza**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità pubblika indipendenti li tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ("awtorità ta' sorveljanza"), u għat-tweqqif tal-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-konformità u ċ-ċertifikazzjoni previsti fl-Artikoli 14, 15 u 16, mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni settorjali.
2. Kull awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tikkontribwixxi għall-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet ta' sorveljanza f'kull Stat Membru għandhom jikkooperaw bejniethom, mal-Kummissjoni u/jew ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni li jistgħu jinħatru għal dan il-għan.
3. Kull awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha sservi bħala l-ewwel punt ta' kuntatt f'każijiet ta' suspett ta' ksur tal-prinċipji etiċi u tal-obbligi legali stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż trattament diskriminatorju jew ksur ta' drittijiet oħra, bħala riżultat tal-iżvilupp, il-varar jew l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali rispettiva għandha twettaq valutazzjoni tal-konformità bil-għan li tappoġġja d-dritt taċ-ċittadini għal kontestazzjoni u għal rimedju.
4. Kull awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-applikazzjoni tar-regoli u tal-istandards ta' governanza Ewropej, nazzjonali u internazzjonali rilevanti msemmija fl-Artikolu 17 għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati, inkluż billi tikkoordina mal-ikbar għadd possibbli ta' partijiet ikkonċernati rilevanti. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet ta' sorveljanza f'kull Stat Membru għandhom jipprovdu forum għal skambju regolari mal-partijiet ikkonċernati u bejniethom, mill-akkademji, mir-riċerka, mill-industrija u mis-soċjetà ċivili.
5. Kull awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tipprovdi gwida u appoġġ professjonali u amministrattiv dwar l-implimentazzjoni ġenerali tad-dritt tal-Unjoni applikabbli għall-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati u tal-prinċipji etiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod speċjali lill-organizzazzjonijiet ta' riċerka u żvilupp rilevanti u lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jew lin-negożji ġodda.
6. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bid-dispożizzjonijiet legali li jadotta skont dan l-Artikolu sa ...ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' sena wara d-dħul fis-seħħ] u, mingħajr dewmien, kull emenda sussegwenti li taffettwahom.



7. L-Istati Membri għandhom jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-prinċipji etiċi stipulati u l-obbligi legali stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jappoġġjaw lill-partijiet ikkonċernati rilevanti u lis-soċjetà ċivili, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell nazzjonali, fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw rispons f'waqtu, etiku u informat tajjeb għall-opportunitajiet u l-isfidi l-ġodda, b'mod partikolari dawk ta' natura transfruntiera, li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi relatati ma' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati.

#### Artikolu 19

### Rapportar ta' ksur u protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(6)</sup> għandha tapplika għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u l-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw ksur bħal dan.

#### Artikolu 20

### Koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni u/jew kwalunkwe istituzzjoni, korp, uffiċċju u aġenzija rilevanti tal-Unjoni li jistgħu jinħatru f'dan il-kuntest għandu jkollhom il-kompiti li ġejjin:

- jiżguraw valutazzjoni konsistenti tar-riskju tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati msemmija fl-Artikolu 14 li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 abbażi tal-kriterji oġġettivi komuni previsti fl-Artikolu 8(1) u fil-lista ta' setturi ta' riskju għoli u ta' użi jew skopijiet ta' riskju għoli stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament;
- jieħu nota tal-valutazzjoni tal-konformità u l-monitoraġġ sussegwenti tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati ta' riskju għoli, imsemmija fl-Artikolu 15 li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18;
- jiżviluppaw il-proċess tal-applikazzjoni għaċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 16 li għandu jinħareġ mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18;
- mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni settorjali, iħejju l-linji gwida vinkolanti msemmija fl-Artikolu 17(4) dwar il-metodoloġija li għandha tintuża mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18;
- jikkoordinaw l-istabbiliment tal-istandards ta' governanza rilevanti msemmija fl-Artikolu 17 mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18, inklużi linji gwida ta' implimentazzjoni mhux vinkolanti għall-iżviluppaturi, dawk li jvarawhom u l-utenti dwar il-metodoloġija għall-konformità ma' dan ir-Regolament;
- jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18 rigward il-kontribut tagħhom għall-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament fl-Unjoni kollha skont l-Artikolu 18(2);
- iservu bħala ċentru għall-għarfien espert billi jipromwovu l-iskambju ta' informazzjoni relatata mal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' fehim komuni fis-Suq Uniku, joħroġu gwidi, opinjonijiet u għarfien espert addizzjonali lill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali msemmija fl-Artikolu 18, jissorveljaw l-implimentazzjoni tad-dritt rilevanti tal-Unjoni, jidentifikaw l-istandards għall-aħjar Prattika u, fejn xieraq, jagħmlu rakkomandazzjonijiet għal miżuri regolatorji; meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jikkoordinaw mal-akbar għadd possibbli ta' partijiet ikkonċernati rilevanti u jiżguraw li l-kompożizzjoni tal-livelli ta' deċiżjoni tagħhom tkun diversa u tiżgura l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
- jospitaw Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà u d-Difiża li għandu l-għan li jeżamina kwistjonijiet ta' politika u investment speċifikament relatati mal-użu etiku tal-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u t-teknoloġiji relatati fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

**It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020**

#### Artikolu 21

#### **Eżerċizzju ta' delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 14(3) u (4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-(data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament).
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 14(3) u (4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru fl-istess ħin.
6. Att delegat li jkun ġie adottat skont l-Artikolu 14(3) u (4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkun esprimew xi oġġezzjoni fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ma għandhomx oġġezzjonijiet. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### Artikolu 22

#### **Emenda għad-Direttiva (UE) 2019/1937**

Id-Direttiva (UE) 2019/1937 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt li ġej:

“(xi) żvilupp, varar u użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati.”

(2) Fil-Parti I tal-Anness, jiżdied il-punt li ġej:

“K. Punt (a)(xi) tal-Artikolu 2(1) – żvilupp, varar u użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati.

“(xxi) Ir-Regolament [XXX] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prinċipji etiċi għall-iżvilupp, il-varar u l-użu ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati.”

#### Artikolu 23

#### **Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha tibqa' tirrieżamina b'mod regolari l-iżvilupp ta' intelliġenza artifiċjali, robotika u teknoloġiji relatati, inklużi s-software, l-algoritmi u d-data użati jew prodotti minn tali teknoloġiji u għandha sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ], u kull tliet snin wara din, tibgħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni tal-modifika possibbli tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

*Artikolu 24***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika minn XX.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

It-Tlieta 20 ta' Ottubru 2020

## ANNEX

Lista eżawrjenti u kumulattiva ta' setturi ta' riskju għoli u ta' użi jew skopijiet ta' riskju għoli li jinvolvu riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali u tar-regoli tas-sikurezza.

<b>Setturi ta' riskju għoli</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Impjiegi</li> <li>— Edukazzjoni</li> <li>— Kura tas-saħħa</li> <li>— Trasport</li> <li>— Enerġija</li> <li>— Is-settur pubbliku (asil, migrazzjoni, kontrolli tal-fruntieri, ġudikatura u servizzi tas-sigurtà soċjali)</li> <li>— Difiża u sigurtà</li> <li>— Finanzi, banek, assigurazzjoni</li> </ul>
<b>Użi jew skopijiet ta' riskju għoli</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Reklutaġġ</li> <li>— Klassifikazzjoni u valutazzjoni ta' studenti</li> <li>— Allokazzjoni ta' fondi pubbliċi</li> <li>— Għoti ta' self</li> <li>— Kummerċ, senserija, tassazzjoni, eċċ.</li> <li>— Trattamenti u proċeduri mediċi</li> <li>— Proċessi elettorali u kampanji politiċi</li> <li>— Deċiżjonijiet tas-settur pubbliku li għandhom impatt sinifikanti u dirett fuq id-drittijiet u l-obbligi ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi</li> <li>— Sewqan awtomatizzat</li> <li>— Ġestjoni tat-traffiku</li> <li>— Sistemi militari awtonomi</li> <li>— Produzzjoni u distribuzzjoni ta' enerġija</li> <li>— Immaniġġjar tal-iskart</li> <li>— Kontroll tal-emissjonijiet</li> </ul>